**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta’ Lulju, 2020

Rikors Numru: 250/2011 AL

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] ipprezentat fil-5 ta’ Awwissu, 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. *Illi r-rikorrenti u l-intimat izzewgu fil-21 ta’ Dicembru, 2002 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. DG 1 u frott ta’ dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, D u E ta’ sitt (6) snin u sentejn (2) rispettivament;*

[1] Fol. 1-8.

2. *Illi l-intimat irrenda ruhu ħati ta' adulterju, vjolenza morali, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi fil-konfront tar-rikorrenti;*

3. *Illi l-intimat irrenda ruħu ħati wkoll ta' adulterju fil-konfront tar-rikorrenti;*

4. *Illi ghalhekk giet reza impossibbli l-ħajja konjugali bejneithom;*

5. *Illi huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li r-rikorrenti tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri D u E u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

6. *Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx u ghalhekk ir-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet datat it-15 ta' Lulju, 2011 (ara Dok. DG2 hawn anness);*

*Talbet li l-konvenut jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba adultejru, vjolenza morali, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi li l-istess intimat ikkommetta kontra martu;*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D u E f'idejn ir-rikorrenti;*

3. *Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment ghall-minuri, liema manteniment ghandu jinkludi wkoll l-edukazzjoni u sahha taz-zewg minuri u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-intimat direttament lir-rikorrenti f'kont bankarju ndikat mill-istess rikorrenti f'data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar;*

4. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat iddekada mid-dritt tieghu tal-manteniment;*

5. *Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, occorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;*

6. *Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti;*

7. *Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;*

8. *Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' F.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[2] li permezz tagħha eċċepixxa:

*Illi dwar l-ewwel talba, l-esponenti jaqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet izda dan minħabba tortijiet imputabbli unikament lill-attriċi kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi l-esponent jopponi ruħu ghat-tieni talba u jirritjeni li huwa fl-aħjar interss tat-tfal minuri li dawn jiġu fdati fil-kura u kustodja tieghu;*

*Illi konsegwentement għandha tkun l-attrici li tigi ordnata thallas lill-esponent manteniment xieraq ghat-tfal minuri. Fi kwalunkwe kaz u bla preġudizzju pero, għandu jittieħed kont li z-zewġ partijiet ghandhom impjieg regolari u li l-attrici ghandha ntrojtu tajjeb, apparti certu allowances u ghalhekk iz-zewġ partijiet ghandhom mezzi adegwati sabiex jikkontribwixxu ghal manteniment ta' uliedhom fi kwoti pressapoco ndaqs.*

*Illi r-raba talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, anzi hija l-istess attrici li ghandha tigi dikjarata li ddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment mingħand zewgha kif fil-fatt qed jintalab fil-kontro-talba.*

*Illi dwar il-hames talba, l-esponent jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet ghandha tigi xjolta u likwidata izda f'tali likwidazzjoni ghandhom jigu applikati kontra l-attrici l-provvedimenti tal-artikoli 48(1)(c) u 51 tal-Kodici Civili kif l-esponent fil-fatt qed jitlob fil-kontro-talba li ssegwi dawn l-eccezzjonijiet.*

---

[2] Fol. 19-21.

*Illi dwar is-sitt talba, din ghandha tigi michuda għaliex l-attrici ma ghandha ebda beni parafernali x'jigu likwidati jew assenjati lilha.*

*Illi l-esponent jirrimetti ruħu dwar it-tmien talba.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba[3] tal-konvenut li permezz tagħha ippremetta:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Dicembru, 2002 u miz-zwieg taghhom kellhom zewg bniet, D u E li ghad ghandhom sitt snin u sentejn rispettivament u kwindi ghadhom minorenni.*

2. *Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ngurji gravi kommessi mill-attriċi fil-konfront tal-esponent kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

3. *Illi f'Jannar 2010 l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali u qabdet relazzjoni ma certu G H, ragel li telaq lil martu wara biss sitt xhur li kien iżżewwiġha.*

4. *Illi meta telqet mid-dar, l-attrici hadet liz-zewġ tfal tal-partijiet maghha u mhux biss introduciethom lill-imsemmi G H izda hija u hu anke ippruvaw li jallontanaw lit-tfal mill-imhabba ta' missierhom billi jissostitwuh bl-imsemmi habib. Inoltre l-imsemmi G H wasal anke sabiex jallega xi agir imporpju dapparti tal-esponent fil-konfront ta' uliedu.*

5. *Illi l-esponent gie fil-fatt kostrett jistitwixxi proceduri waqt il-perjodu ta' medjazzjoni u din l-Qorti appuntat lis-social worker Denise Portelli li f'rapport dettaljat u profond sabiet li l-allegazzjonijiet ta' G H kienu bla ebda fondament u anki rrakkomandat li -tfal jorqdu matul il-gimgħa mal-esponent u jorqdu mal-attrici fil-weekend purche l-ħabib taghha ma jorqodx fl-istess fond. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet gew milqugha u nkorporati f'degriet moghti minn din l-istess Qorti fis-7 ta' Frar 2011.*

[3] Fol. 21-24.

6. *Illi l-esponent jirritjeni li tenut kont tal-agir irresponsabbli tal-attrici u fl-ahjar interess tat-tfal minuri u kunsidrat ukoll li l-partijiet jahdmu t-tnejn pressapoco l-istess hinijiet, huwa fl-ahjar interess tat-tfal minuri li dawn jigu fdati fil-kura u kustodja tieghu.*

7. *Illi rigward il-mezzi tal-partijet jigi rilevat li l-introjtu taghhom it-tnejn huwa wiehed tajjeb.*

8. *Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti, l-esponent jirrileva li waqt il-proceduri ta' medjazzjoni, id-dar matrimonjali inbieghet u, wara li d-dejn kollu tal-partijiet thallas, il-bilanc rimanenti inqasam ugwalment bejn il-partijiet. Ghalhekk kull ma fadal x'jinqasam huwa l-effetti mobbli li ma nbieghux mad-dar (li minnhom l-attrici ħadet il-maggjor parti u trid ghalhekk tikkumpensa lill-esponent), iż-żewġ vetturi li ghandhom jigu assenjati lil kull wiehed u waħda mill-partijiet minghajr ekwiparazzjoni, u l-investimenti li dwarhom l-attrici ghandha l-maggjor parti u kwindi trid tikkumpensa lill-esponent.*

*Talab li l-attriċi tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex :*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-raġunijiet fuq imsemmija mputabbli esklussivament lill-attrici.*

2. *Tafda l-kura u kustodja legali taz-zewg ulied minuri tal-partijiet f'idejn il-konvenut.*

3. *Tikkundanna lill-attrici sabiex thallas lil konvenut manteniment xieraq għaz-zewg uliedha minuri fuq imsemmija bil-modalita ta' gurnata u lok li jiġu wkoll ffissati.*

4. *Tiddikjara li l-attriċi iddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut.*

5. *Tapplika kontra l-attrici id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 (1) (a) u (b) tal-Kodici Civili.*

6. *Tordna t-terminazzjoni u xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet*

*u tassenjaha lil-kull parti b'mod li tapplika kontra l-attrici d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48(1) (c) tal-Kodici Civili.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi[4] għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, li permezz tagħha eċċepiet:

1. *Illi t-talbiet ta' l-intimat rikovenzjonant huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess intimat rikonvenzjonant u dan kif ser jigi pruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

2. *Illi minghajr pregudzzju ghas-suespost l-esponenti taqbel li hi u l-intimat rikonvenzjonant iżżewġu fil-21 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) u li frott taz-zwieg taghhom twieldu zewg minuri, u cioe' D u E ta' sitt (6) snin u sentejn (2) rispettivament;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti taqbel li din l-Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat rikonvenzjonant u konsegwentement tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom izda ma taqbilx illi hemm xi kumpens dovut lill-intimat rikonvenzjonant anzi huwa l-intimat rikonvenzjonant illi ghal dak li jirrigwarda flus u investimenti kif ukoll mobbli ghandu jikkumpensa lill-esponenti sabiex dawn l-assi jkunu maqsuma b'mod ugwali. Dan mingħajr preġudizzju ghat-talba originali ta' l-esponenti li ghandhom jigu applikati is-sanzjonijiet fil-konfront ta' l-intimat rikonvenzjonat;*

4. *Illi mingħajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrespingi kwalunkwe allegazzjoni migjuba kontriha bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kien l-istess intimat rikonvenzjonant li rrenda ruhu hati ta' adulterju, vjolenza morali, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi fil-konfront ta' l-esponenti u kien proprju ghalhekk li giet reza impossibbli l-hajja konjugali bejniethom u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrespingi wkoll l-allegazzjoni migjuba fil-konfront taghha rigward l-allegat abbandun*

[44] Fol. 34-36.

*tad-dar matrimonjali stante li kien l-intimat rikonvenzjonant li prattikament gieghla titlaq mid-dar matrimonjali u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawza;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrispingi kwalunkwe allegazzjoni fis-sens li hi jew xi terz pruvaw jallontanaw lill-minuri minn ma' missierhom, anzi kien l-istess intimat rikonvenzjonant li flimkien mal-maħbuba tiegħu l-gdida u n-nanna paterna tal-minuri li agixxew b'tali mod fil-konfront ta' l-esponenti u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

7. *Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrispingi kwalunkwe allegazzjoni fil-konfront taghha relatati mal-allegat agir irresponsabbli stante li hija dejjem agixxiet bhala omm eżemplari u kkunsidrat l-ahjar interessi tal-minuri u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

8. *Illi l-esponenti toġġezzjona bl-aktar mod assolut ghat-talba tal-intimat rikonvenzjonant sabiex jiġi fdat bil-kura l-kustodja assoluta tal-minuri stante li l-intimat rikonvenzjonant m'huwiex idoneju biex jiehu ħsieb lill-ulied b'mod esklussiv u għalhekk m'għandha tħallas ebda manteniment lill-intimat ghall-minuri u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawza in oltre mhux minnu li l-partijiet jahdmu l-istess hinijiet anzi l-esponenti tahdem hinijiet anqas mir-ragel u tahdem ukoll sieghat flessibbli ghalhekk hija tista tieħu ħsieb aħjar il-bzonnijiet tal-minuri mill-missier u ghalhekk il-minuri għandhom jirrisjedu ma' l-omm;*

9. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrileva li filwaqt li l-intimat rikonvenzjonant ghogbu jsemmi terzi persuni fosthom lil certu G H, l-istess intimat rikonvenzjonant naqas milli jgib a konjizzjoni ta' din il-Qorti li hu ghandu relazzjoni extra-konjugali ma' certa L H ghall-liema relazzjoni il-minuri qed jigu esposti kontinwament u għalhekk kien l-istess intimat rikonvenzjonant li kkommetta adulterju bil-konsegwenza li ghandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48(1)(a) u (b) tal-Kodici Civili fil-konfront tieghu u mhux fil-konfront tal-esponenti;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra l-intimat rikonvenzjonant.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluz l-affidavits u r-ritratti;

Rat l-affidavits tal-attriċi rikonvenzjonata u d-dokumenti annessi magħhom;[5]

Rat l-affidavits tal-konvenut u d-dokumenti annessi magħhom;[6]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Anna Mallia, Dottor Greta Mifsud Agius u Dottor Maria Dolores B, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attriċi u n-nota responsiva tal-konvenut;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita' tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A B bħala r-"rikorrenti" u/jew l-"attriċi" u għal C B bħala l-"intimat" u/jew il-"konvenut", u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment, għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, unikament imputabbli lill-konvenut. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex

[5] Fol. 158-180, 818-835, 872-
[6] Fol. 1362-1384.

tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Issir referenza għar-rikors promotur u n-nota ġuramentata li permezz tagħhom l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli lilu fosthom adulterju, vjolenza morali, theddid, sevizzi, inġurji u offizi gravi;

2. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada mi-dritt tiegħu għall-manteniment;

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, aċċess u l-manteniment għall-ulied minuri D u Angelle, aħwa B;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

5. Tillikwida l-assi parafernali tal-attriċi u tassenja l-istess lilha;

6. Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha.

Il-Qorti tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u għan-nota ġuramentata tiegħu, illi permezz tagħha l-konvenut rikonvenzjonat jitlob lill-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara li in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-attriċi minħabba ħtijiet imputabbli lilha fosthom adulterju, eċċessi, sevizzi, inġurji u offizi gravi;

2. Tapplika kontra l-attriċi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tiddikjara li l-attriċi iddekadiet mid-dritt tagħha għall-manteniment;

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, aċċess u l-manteniment għall-ulied minuri D u Angelle, aħwa B;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li għalkemm hemm qbil bejn il-partijiet sabiex tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali, hemm disgwid kbir bejniethom fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija tal-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ.

**2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

*2.1. Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut*

L-attriċi tispjega li bdiet relazzjoni ma' C B lura fis-sena 1996, f'liema perjodu l-konvenut allegatament kien għaddej minn problemi kbar fid-dar li fiha kien jgħix mal-ġenituri tiegħu. L-attriċi tispjega li dak iz-zmien il-ġenituri ta' C B kienu għaddejin minn proċeduri ta' separazzjoni personali u tkompli tallega li matul il-perjodu li C B kien għadu jgħix taħt is-saqaf tal-ġenituri tiegħu kien eperjenza vjolenza domestika kemm fuq ommu u kif ukoll fuq il-persuna tiegħu da parti missieru. Minħabba tali atmosfera għand il-ġenituri tal-konvenut, l-attriċi tispjega li C B ried li huma jizzewġu mill-iktar fis possibli u għaldaqstant il-partijiet kienu jaħdmu ħafna sabiex ikollhom il-flus f'idejhom.

Mill-affidavit tal-attriċi jiġi spjegat illi matul l-għerusija, il-konvenut kien ddeċieda li jidħol bħala riservist fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta u dan apparti x-xogħol tiegħu fuq bazi *full-time*. Fil-fehma tal-attriċi dan il-kariga ġdida kienet qiegħda tillimita l-ħin li kellhom flimkien il-partijiet izda tgħid li l-konvenut kien serħilha rasha li meta jizzewġu u jkollhom it-tfal kien ser jieqaf u jiddedika iktar ħin għalihom. L-attriċi tinnega li wara z-zwieġ il-konvenut naqqas ix-xogħol jew l-impenji tiegħu, anzi tispjega li matul iz-zwieġ, C B kompla zied numru ta' attivitajiet ma' dawk li diġa' kellu, bħal ġiri, għum, logħob tal-*football*, maratoni, *overtime,* tlett (3) impjiegi *part-*

*time*, kors tal-MBA, kors tal-ACCA u ikliet tax-xogħol. Għaldaqsant, l-attriċi hija tal-fehma li zewġha kien qiegħed isib ħin għal kollox minnbarra għaliha u għal uliedhom. Sforz dawn l-impenji kollha tal-konvenut, liema impenji skont l-attriċi kienu prijorita' għalih u iktar importanti mill-familja tagħhom, huwa kien jonqos mid-dmirijiet tiegħu lejn familtu u kien jippretendi li tagħmel kollox l-attriċi, saħansitra meta l-attriċi kienet tqila. Il-konvenut ma kienx jimpenja ruħu li jqatta' ħin konsiderevoli ma' familtu u dan għaliex kien dejjem jivvinta xi skuza. L-attriċi ssosstni li minkejja li kienet turih u tgħidlu li mhux ferħana b'dan l-aġir, huwa xorta waħda kien ikompli jagħmel ta' rasu wara li jipprova jirranġa l-aġir tiegħu għal ftit zmien. L-attriċi tispjega ukoll li fir-rigward tal-ulied, huwa ma kienx jipprova jagħmel ħiltu sabiex jinvolvi ruħu u tkompli billi tagħti l-ezempju meta kellhom laqgħa importanti l-iskola tal-wild il-kbira, fejn l-attriċi attendiet waħedha.

L-attriċi tagħti x'tifhem li l-konvenut għandu numru ta' ossessjonijiet, u ċjoe' tal-flus u l-indafa u l-ordni fid-dar. Rigward l-ossessjoni tal-flus, l-attriċi tispjega li bil-paga tagħha u tiegħu biss kienu jgħixu ħajja komda u b'hekk ma kienx hemm lok għalfejn il-konvenut jibqa' jaħdem dawk is-sigħat kollha. Madanakollu tgħid li l-konvenut kien jaspira li jaqla' l-flus sabiex b'hekk jinvestihom f'ishma u bonds, filwaqt li jirrifjuta li jonfoq xi ħaġa tal-flus sabiex igawdihom ma' familtu. Tallega ukoll li l-konvenut kien jagħtiha biss tmenin Ewro (€80) fix-xahar għall-bzonnijiet ta' kuljum, u f'kaz li kien ikollhom jixtru xi rigal il-konvenut kien jagħtiha tlieta u għoxrin Ewro (€23) jew ħamsa u għoxrin Ewro (€25) jekk ikun rigal tal-Milied. Min-naħa l-oħra u rigward l-ossessjoni tal-indafa u l-ordni fid-dar, l-attriċi tispjega li l-konvenut kien jippretendi li meta jasal lura d-dar isib kollox lest u f'postu, inkluz ikel sħun fuq il-mejda u dan filwaqt li martu tkompli taħdem barra mid-dar u tieħu ħsieb lil minuri. L-attriċi tallega li f'kaz li d-dar ma tkunx f'ordni, nadifa u kollox kif suppost, jaqbad jgħajjat u jgħajjarha. Fil-fehma tal-attriċi din l-ossessjoni tal-konvenut issib l-oriġini tagħha mill-fatt li omm il-konvenut kienet tagħmel kollox hi fid-dar, u tispjega li kien ta' sikwit jikkumpara lilha ma' ommu. B'hekk skont l-attriċi dak li ried il-konvenut hu li jgħix ħajtu bl-impenji kollha tiegħu, mingħajr ma jgħin fid-dmirijiet tad-dar jew li jqatta' ħin ma' familtu.

F'Ġunju tas-sena 2009 l-attriċi tinnota li zewġha nbidel, fejn beda jirċievi ħafna messaġġi fuq it-telefon ċellulari. L-attriċi tgħid li dak iz-zmien kienet diġa' ndunat li kien hemm mara oħra, liema suspett ġie kkonfermat meta darba fost oħrajn, wara ikla tax-xogħol li kellu l-konvenut, l-attriċi sabet nokkla safra fuq is-seat tax-xufier fil-karozza tal-konvenut. Meta l-attriċi kkonfrontat lil zewġha, tallega li qalilha li wara l-ikla kien wassal lil xi ħadd id-dar. Dan kien il-perjodu li fih l-attriċi ma baqgħatx tafda lil zewġha. Konsegwentament f'Awwissu u Settembru tal-istess sena, fil-fehma tal-attriċi s-sitwazzjoni ta' bejn il-partijiet kompliet tiggrava tant li l-attriċi bdiet dejjem tħossha fizikament ħazin meta tarah. Meta f'Ottubru l-konvenut kellu ġimgħa *training camp* ma' tal-Forzi Armati ta' Malta, l-attriċi tispjega li kienet ħassitha ferm aħjar izda dlonk bdiet terga' tħossha ħazin wara li dan irritorna lura d-dar.

Wara li l-konvenut ġie mit-*training camp* hawn fuq imsemmi, l-attriċi tgħid li l-konvenut kien mibdul f'sens tajjeb, izda liema aġir ma damx għal wisq. Fil-fatt tispjega li ftit wara kien hemm episodji ta' ġlied u tgħajjir fejn il-konvenut beda jsemmi ukoll li għandhom jissepparaw għaliex ma kienux għadhom tajbin għal xulxin. L-attriċi tirrakonta li kienet qiegħda tispiċċa tieħu dawn il-problemi x-xogħol fejn skopriet li kien hemm kollega tagħha li ukoll kellu problemi matrimonjali, u li kienu jiftħu qalbhom ma' xulxin.

Għal ħabtha tal-aħħar ta' Ottubru tas-sena 2009, l-attriċi tgħid li l-konvenut kien issuġġerilha sabiex imorru għand ta' Kana sabiex isolvu l-problemi ta' bejniethom izda kienet irrifjutat għaliex skontha dawn ma kienux ser jgħidu xejn differenti minn dak li hi kienet ilha tgħidlu. Ġialadarba hi kienet irrifjutat li tfittex l-għajnuna, il-konvenut informa lil attriċi li tista' tippakkja u titlaq mid-dar matrimonjali. Issemmi ukoll li nhar it-2 ta' Novembru 2009, il-konvenut kien qalilha li ma kellhiex għalfejn tersaq lejn id-dar jekk din ma tmurx għand avukat sabiex tipproċedi b'kawza ta' separazzjoni u filfatt hekk għamlet. Kien proprju minn dakinhar stess li l-partijiet bdew jgħixu ħajja separata minn xulxin taħt l-istess saqaf u f'dak il-perjodu bdiet tiltaqa' ma' G H, kollega tal-attriċi, li għinha ħafna f'dak il-perjodu tant diffiċli. Minkejja dan u fil-11 ta' Novembru 2009, il-partijiet kienu marru għand Fr Rene Camilleri sabiex jirranġaw is-sitwazzjoni. Tispjega li wara dan, il-konvenut kien ukoll ammetta dak li kienet issusspettat meta mar l-ikla tax-xogħol u ċjoe' li kien bies lil din il-persuna li kien wassal. Madanakollu, l-

attriċi tispjega li anke' jekk il-konvenut ma ammettiex iktar minn hekk, hija kienet konvinta li kienu ġraw iktar affarijiet dakinhar bejn zewġha u t-terza persuna. L-attriċi stess tammetti li l-konvenut baqa' jipprova u jgħidilha li ser jinbidel izda hi kienet tal-fehma li ma setgħetx temmnu u infurmatu li kienet laħqet daħlet f'qalbha persuna oħra.

L-attriċi saħqet illi sabiex jikkonvinċiha tibqa' miegħu, il-konvenut kien saħansitra sabbatha mal-gwardarobba. Magħdud ma' dan issemmi l-episodju tad-9 ta' Jannar 2010, fejn l-attriċi kienet tefgħet xi affarijiet fil-karozza u l-konvenut induna bihom. L-attriċi tispjega li dakinhar hi riedet tmur tgħin lil oħtha fil-post tagħha, u l-konvenut kien irrabja bil-konsegwenza li beda jheddida li mhux ser iħalliha tuza l-karozza u joħdilha ċ-ċwievet. Għaldaqstant l-attriċi marret tieħu ċ-ċwievet sabiex b'hekk il-konvenut ma jkunx jista' jwaqqafha. Wara li ra hekk il-konvenut, talabha ċ-ċwievet, izda l-attriċi tgħid li din irrfjutat milli tagħtihomlu. Kien proprju hawn li l-konvenut kien tefa' lil attriċi fuq is-sodda, beda jdawrilha saqajha, u konsegwentament nizziela fuq għarkobbtejha, poġġilha rasha fuq is-sodda u beda jagħfsilha għonqha. Kien biss wara li daħlet it-tifla l-kbira li l-konvenut waqaf u neħħa jdejh minn ma' għonq l-attriċi. L-attriċi ttentat titlaq mid-dar bit-tfal, madanakollu ma rnexxiliex tagħmel dan u b'hekk telqet waħedha għand il-ġenituri tagħha sabiex dawn jgħinuha tmur lura għat-tfal.

Dakinhar stess u wara l-episodju imsemmi, l-attriċi marret l-għassa tal-Pulizija tal-Mosta sabiex tagħmel rapport izda tgħid li l-Pulizija ssuġġerewlha sabiex tikkalma l-affarijiet. Talbithom sabiex jassisstuha tmur għat-tfal, izda dawn infurmawha li għall-ewwel l-aħjar li tagħmel dan waħediha u f'kaz li jkun hemm problemi ċċemplilhom u jmorru dak il-ħin fuq il-post. Skont l-attriċi, il-Pulizija kienu diġa' jafu x'ġara, tant li bdew jaqtawlha qalbha sabiex tagħmel rapport u tispjega li zewġha kellu ħbieb mill-għassa tal-Mosta. Wara stess marret lura d-dar, u rniexxielha tasal fi ftehim ma' zewġha li t-tfal jzommuhom ġurnata kull wieħed. L-attriċi tispjega ukoll li wara marret ukoll id-Dipartiment tas-Saħħa Primarja tal-Mosta minħabba l-uġigħ li kellha fil-ħanek. Tgħid li l-marki tas-swaba m'għonqha kienu diġa' telqu peress li kien għadda l-ħin. Skont l-attriċi, irrizulta li mill-għafsa l-ħanek iffjamma ruħu u ingħatat il-mediċina.

Għal ħabta ta' Frar 2010, il-partijiet marru jkellmu lil Fr Louis Subhan ġewwa l-Parroċċa tar-Rabat. L-attriċi kienet iddeċediet li terga' tipprova ssolvi z-zwieġ tagħha ma' zewġha u infurmat b'dan lil G H u b'hekk waqqfet ir-relazzjoni li kellha miegħu. Tgħid ukoll li marru għand konsulent taz-zwieġ, Dr Bernard Grech, li ssuġġerilhom li jmorru għand Dr Mireille Petit Pellegrini. Fil-fatt f'April 2010, il-partijiet marru għand din tal-aħħar għal erba' (4) darbiet, fejn waslet għal konkluzjoni li għad hemm ċans li jkomplu biz-zwieġ tagħhom. Madanakollu, l-attriċi tgħid li l-konvenut ma riedx u baqa' jinsisti li ma jridx jirranġa z-zwieġ ma' martu. Wara riflessjoni u dispjaċir tal-attriċi li kienet tat lil zewġha ċans ieħor, l-attriċi għazlet li tkompli r-relazzjoni tagħha ma' G H fejn bdiet tabita miegħu f'appartament il-Mosta mill-5 ta' Ġunju 2010.

Fir-rigward tal-minuri, l-attriċi tgħid li kienet ferm inkwetata dwar l-aġir tal-konvenut magħhom. Tirrakkonta episodju fejn bintha l-kbira qalet b'mod innoċenti lil G u anke lil ommha dwar affarijiet indiċenti li l-konvenut jagħmel lil bintu ta' ħames (5) snin. Kien proprju għalhekk li s-*social worker* appuntata mill-Qorti, daħlet f'dan il-mertu fir-rapport tagħha. Is-*social worker* lestiet ir-rapport tagħha, u l-Qorti pprovdiet digriet nhar is-7 ta' Frar 2011, liema digriet jirregola l-kura, kustodja u aċċess *pendente lite*. L-attriċi tgħid li wara li ngħata dan id-digriet kienet tkun dejjem segwita minn diversi investigaturi privati mqabda mill-konvenut jew mis-sieħba tiegħu bl-intiza li jivverifikaw jekk l-attriċi kienetx qiegħda taderixxi ruħha mad-digriet tal-Qorti.

Barra minn hekk l-attriċi tgħid li l-konvenut kemm-il darba gideb lil Qorti u lis-*social worker*. Kien ħeba minnhom il-fatt li kien beda relazzjoni mal-ex mara ta' G H. Heba ukoll li t-tfal ma kienx qiegħed jagħtihom l-attenzjoni li jixraqilhom u li ommu kienet qiegħda tieħu l-irwol ta' omm il-minuri. Magħdud ma' dan, l-attriċi ssostni li l-minuri qegħdin jiġu esposti għar-rabja tal-konvenut u l-kliem dispreġġattiv tiegħu. Wara li l-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi li l-kura u kustodja tal-minuri tkun f'idejha temporanjament, l-attriċi tispjega li l-minuri jinsabu kuntenti ħafna. Taqbel li missierhom ikollu aċċess adegwat salv li ma jkun hemm l-ebda periklu għal minuri.

Permezz ta' affidavit ulterjuri, l-attriċi tirrakonta episodju li seħħ nhar id-29 ta' Awwissu 2012 u dan wara li l-partijiet kienu diġa' sseparati *de facto*

minn xulxin. L-attriċi tgħid li dakinhar innutat apparat imdendel ma' wara tal-karozza u li skontha dan kien *GPS Satellite Transmitter*. B'hekk l-attriċi marret l-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta, fejn sabet lis-Surġent Ronnie Attard u għamlet rapport. Għalkemm is-Surġent offra lil attriċi sabiex jieħu l-appart sabiex b'hekk jgħaddih għand l-esperi tal-Pulizija ħalli jkunu f'pozizzjoni li jinvestigaw, l-attriċi għazlet li tieħu dan l-apparat hi stess għand l-espert forensiku Dr Martin Bajada. Permezz tar-rapport tal-espert forensiku ġie stabbilit illi l-appart in kwistjoni huwa verament *GPS Satellite Transmitter* u li kien qiegħed jibgħat sinjali ta' moviment ta' persuna lejn in-numru ċellulari 9945XXXX, liema numru skont l-attriċi kien fil-passat jappartjeni lil konvenut. L-attriċi tikkonferma li dan ir-rapport ġie mgħoddi lis-Surġent Ronnie Attard u tistenna' li l-Pulizija jmexxu kontra C B.

Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi pproduċiet l-affidavit ta' ommha I Cushieri[7] u tal-iSpettur Ronnie Attard (PC1586).[8]

## *2.2. <u>Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi</u>*

Il-konvenut jispjega li ltaqa' mal-attriċi fis-sena 1998 fejn kienu saru jafu lil xulxin fuq post tax-xogħol fejn it-tnejn kienu qegħdin jaħdmu fuq bazi *part-time.* Kien minn dan l-istadju li bdiet relazzjoni bejn il-partijiet, izda jgħid li missier A kien kemmxejn strett rigward il-ħinijiet li bintu kellu tidħol lura d-dar u għaldaqstant kienu joħorġu iktar kmieni. Jispjega li meta kienu jkunu xogħol, kienu jmorru flimkien il-*gym*, filwaqt li meta ma jkunux xogħol kienu jagħzlu li jmorru passeġġjata jew dawra bir-rota. Madanakollu jgħid li kienu kuntenti flimkien. Fil-fatt wara tlett (3) snin joħorġu flimien, bdew iffitxu post u l-kuntratt tad-dar ġie ffirmat f'Ġunju tas-sena 2002. Il-konvenut jispjega li meta nxtara l-post huwa kien imur jaħdem u jirranġa fih ma' missier l-attriċi.

Fir-rigward tal-fatt li daħal mal-Forzi Armati ta' Malta, il-konvenut jispjega li fuq dan is-suġġett kien jitkellem ħafna ma' missier l-attriċi u dan stante li missierha kien suldat. Jgħid li anke' A kienet turi interess f'dak li kien qiegħed jagħmel il-konvenut. Magħdud ma' dan huwa jikkonferma li kien

[7] Fol. 814.
[8] Fol. 859.

ukoll jmur jgħum u dan fuq parir tal-professur tiegħu stess, minħabba li kien qiegħed ibati minn problem f'dahru.

Il-konvenut jikkonferma li zzewweġ lil A B nhar il-21 ta' Diċembru 2002, minn liema zwieġ twieldu zewġt itfal. Huwa jagħti rendikont tal-ħajja mizzewġa tagħhom qabel ma dan spiċċa falla, fejn jispjega li: (i) A kienet ta' spiss iddum xogħol, (ii) A kienet tattendi darbtejn fil-ġimgħa *training* tal-*volleyball*, (iii) hu kien imur jgħum filgħodu, (iv) kien imur jilgħab logħba *football* ma' sħabu meta A kien ikollha t-*training* tal-*volleyball*, (v) kull l-aħħar Ħadd tax-xahar kien imissu ġurnata xogħol mal-Forzi Armati ta' Malta, u (vi) ix-xogħol tad-dar kien jinqasam bejniethom.

Wara li kellhom l-ewwel wild fl-2004, il-konvenut jgħid li hu u l-attriċi aġġustaw rwieħhom tajjeb. Jgħid illi meta daħlu lura għax-xogħol sabu mezz kif jgħinu lil xulxin. Jispjega li dak iz-zmien l-attriċi bdiet kors speċċjalizzat fuq l-*IT*, u l-konvenut kien jipprova jgħin lil attriċi tleħħaq sabiex tkun f'pozizzjoni li taħdem, tattendi għal-lezzjonijiet u tistudja. Konsegwentament fl-2008, daħal jaħdem fil-post tax-xogħol tal-attriċi ċertu G H li kellu jieħu ħsieb ix-xogħol tal-attriċi meta din kellha toħroġ bil-*maternity leave* sabiex twelled it-tieni wild. Fil-fatt, l-attriċi weldet lit-tieni tarbija f'Settembru tas-sena 2008. Tul il-*maternity leave*, il-konvenut jispjega li l-attriċi kompliet bil-kors tal-*IT* fejn kien qiegħed ikollha zewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa. Il-konvenut jispjega li tul dawn il-jumejn, kien jgħin lil attriċi billi jieħu ħsieb lil uliedu. F'Novembru 2008, l-attriċi daħlet lura għax-xogħol, fejn kien hemm G H li kien ser jizzewweġ lil għarusa tiegħu f'Diċembru 2008, għal liema tieġ il-partijiet kienu mistednin.

Għal Ġunju tal-2009, il-konvenut beda jara kambjament kbir fl-attriċi, fejn din kienet qiegħda tkun kwieta ħafna, mitluqa u għajjiena, fejn kienet qiegħda turi nuqqas kbir lejh, lejn it-tfal u d-dar. Jammetti li l-argumenti dwar dan l-aġir da parti l-attriċi bdew jizdiedu. Dawn l-argumenti bdew jonqsu u r-relazzjoni tagħhom bdiet tirkupra ftit meta l-konvenut għamel sorpriza lil attriċi meta xtralha karozza ġdida f'Awwissu 2009, izda dan il-perjodu dam biss għal xi ġimgħa. Fil-fatt il-konvenut jgħid li nhar is-27 ta' Settemru 2009, l-attriċi infurmat lil konvenut li jkun aħjar jekk jisseparaw għaliex skontha ma kien għad fadal xejn komuni bejniethom u minn dakinhar l-affarijiet bdew jiggravaw bejn il-partijiet. Il-konvenut jgħid li kien

saħansitra għamel appuntament ma' *councillor* mal-Moviment ta' Kana sabiex jirranġaw is-sitwazzjoni ta' bejniethom imma l-attriċi rrifjutat. Jispjega ukoll li dak iz-zmien, l-attriċi kienet tgħidlu li trid tiddeċiedi bejnu u raġel ieħor. Għalhekk wara iktar minn xahar, il-konvenut kien qal lil attriċi sabiex tmur għand avukat u dan bl-intiza li jaħsadha bit-tama li tizvela dak li kien qiegħed itaqlilha ħsibijietha. Fil-fatt hekk għamlet u dakinhar stess kellha f'idejha d-dokumenti neċessarji għal kawza ta' separazzjoni.

Minkejja dan kollu, il-konvenut jispjega li xorta waħda kien għadu ma qatax qalbu mill-attriċi u pprova jagħmel minn kollox sabiex idawrilha ħsibijietha. Madanakollu kien kollu ta' xejn. Nhar l-24 ta' Diċembru 2009, il-konvenut jgħid li l-attriċi nfurmatu li f'ħajjitha kellha raġel ieħor u riedet tagħzel bejniethom it-tnejn. Il-konvenut jispjega li hu xorta waħda ried li jsalva z-zwieġ tiegħu, izda l-attriċi rrispondiet li ma setgħet qatt taħfer lilha nnifisha għal dak li kienet għamlet.

Ftit wara u ċjoe' nhar is-7 ta' Jannar 2010, A B telqet mid-dar matrimonjali biex tmur tgħix ma' dan is-sieħeb il-ġdid tagħha G H l-kollega tagħha. Il-konvenut jirrakonta li dakinhar huwa qabad lill-attriċi tieħu xi affarijiet mid-dar u meta kkonfrontaha fejn sejra din wieġbet li ma kienx affari tiegħu. Kien hawnhekk li l-konvenut pprova jieħu ċ-ċwievet ta' A u qam argument bejniethom bil-konsegwenza li l-konvenut qabad lil attriċi minn għonqha. Wara li l-konvenut rrealizza bl-aġir tiegħu, huwa skuza ruħu u l-attriċi telqet għand ommha. L-għada l-attriċi kienet irritornat lura d-dar sabiex tieħu xi affarijiet u filwaqt li l-konvenut reġa' skuza ruħu magħha, hi infurmatu li ma kienetx għamlet rapport mal-Pulizja għaliex kienet taf li din ma kienetx reazzjoni normali min-naħa tiegħu. Minkejja li pprova jerġa' jikkonvinċiha sabiex tibqa', din xorta rrifjutat u qablu dwar kif ser izommu t-tfal.

Minkejja l-premess, il-konvenut xorta waħda ma qatgħax qalbu u baqa' jipprova jsalva z-zwieġ tiegħu mal-attriċi. Saru laqgħat ma' Fr Subhan, J K l-*employer* tal-attriċi, u ma' G H nnifsu. Lejn l-aħħar ta' Frar 2010, l-attriċi waqfet ir-relazzjoni tagħha ma' G H għax riedet tkun ċerta minn dak li kienet qiegħda tagħmel. Kien proprju għalhekk li sar kuntatt ma' Dr Bernard Grech u Dr Mireille Petit Pellegrini. Dr Petit Pellegrini kienet infurmat lil partijiet li ma kienx impossibli li jsalvaw iz-zwieġ tagħħhom,

izda skont il-konvenut, l-attriċi ma riedetx li dan isir. Ir-relazzjoni tal-attriċi ma' G H tkompliet, tant li f'Mejju 2020 dawn krew appartament flimkien ġewwa l-Mosta.

F'dan iz-zmien diffiċli, il-konvenut jgħid li beda jattendi laqgħat organizzati mill-Moviment ta' Kana għal nies għaddejin minn separazzjoni. Il-konvenut jgħid li fost in-nies li kienu qegħdin jattendu l-laqgħat kien hemm ukoll l-ex mara ta' G H, L H. Il-konvenut jgħid li beda relazzjoni ma' L H nhar it-18 ta' Novembru 2010 u dan wara kull tentattiv ta' rikonċiljazzjoni fiz-zwiġijiet rispettivi tagħhom.

Fir-rigward tal-minuri, il-konvenut jgħid li hu dejjem kien fi grad li jieħu ħsieb lil uliedu. Jgħid li meta uliedu jkunu ma' martu u s-sieħeb tagħha, dawn jiġu esposti għal numru ta' inċidenti. Kien proprju għal dan il-għan li din il-Qorti kienet ħatret lis-*Social Worker* Denise Portelli sabiex tħejji rapport dwar il-benessere tal-minuri.

Fil-fehma tal-konvenut kienet l-attriċi stess li kissret il-familja tagħhom u dan stante relazzjoni extra-maritali li kellha u għad għandha ma' G H. Qabel ma' A B kienet iltaqgħet ma' dan ir-raġel fuq il-post tax-xogħol, il-konvenut jispjega li ħajjithom kienet feliċi.

Sabiex jikkorrabora din il-verzjoni, il-konvenut pproduċa x-xiehda ta' M B,[9] N Tabone[10] u L P.[11]

### 2.3. <u>*Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*</u>

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

#### 2.3.1. <u>*Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid u Offizi Gravi*</u>

[9] Fol. 1107.
[10] Fol. 1337.
[11] Fol. 1630.

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula:

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson,**[12] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[13] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[14] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

---

[12] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[13] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[14] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[15] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[16] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[17]; *Skond l-istess Qorti* "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[18]

### *2.3.2. Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra"*.[19] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[20].

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[21]** fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

---

[15] **Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[16] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[17] **Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[18] **Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[19] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[20] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[21] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

*2.3.3. <u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern</u>*

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-partijiet jipproduċu zewġ verzjonijiet differenti għaliex iz-zwieġ tagħhom tkisser b'mod irrimedjabbli. L-attriċi tikkontendi li z-zwieġ tagħha falla stante adulterju da parti l-konvenut, l-eċċessivita' ta' impenji li kellu zewġha *ergo* n-nuqqas ta' ħin tiegħu mal-attriċi u uliedhom, l-ossessjoni ta' zewġha dwar l-ordni ġewwa d-dar u l-flus, u kif ukoll l-paragun kontinwu bejnha u bejn ommu. L-attriċi tgħid li kienet bdiet taqsam u titkellem dar il-problemi maritali tagħha ma' kollega tax-xogħol, liema persuna llum huwa s-sieħeb tagħha u li spiċċat f'punt f'ħajjitha li kull meta tara lil zewġha tħossha fizikament ħazin. Tispjega li hi telqet mid-dar matrimonjali dakinhar li zewġha kien vjolenti magħha, tant li qatt ma rritornat lura. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jgħid illi z-zwieġ tiegħu falla b'mod partikolari minħabba l-adulterju da parti ta' martu, fejn innota li wara li kellhom it-tieni wild, l-attriċi bdiet titraskurha lilu, lil uliedhom u lid-dar. Skont il-konvenut, dan it-traskuraġni u n-nuqqas ta' attenzjoni da parti ta'martu bdew jittfaċċaw minn meta l-attriċi bdiet tagħti kunfidenzi lil kollega tagħha tant li għazlet lilu u ħajja ġdida miegħu, minflok il-ħajja li kienet ilha zmien twil tibni ma' zewġha. Illum il-konvenut jinsab f'relazzjoni mal-ex mara tas-sieħeb ta' martu, liema relazzjoni skont il-konvenut bdiet ferm wara li martu għazlet li tabbanduna l-ħajja matrimonjali tagħha miegħu nhar is-7 ta' Jannar 2009.

Il-Qorti tinnota li l-partijiet kellhom numru ta' impenji, fejn huwa aċċettat u kkonfermat mill-partijiet stess li apparti x-xogħol rispettiv tagħhom, l-attriċi kellha: (i) *training* tal-*volleyball*, u (ii) kors tal-*IT*, filwaqt li l-konvenut kellu: (i) impjiegi fuq bazi *part-time*, (ii) *overtime* tax-xogħol, (iii) xogħol mal-Forzi Armati ta' Malta, (iv) korsijiet tal-*MBA* u l-*ACCA*, (v) ġiri, (vi) maratoni, (vii) għum, (viii) logħob tal-*football* u (ix) ikliet tax-xogħol. Indubbjament dawn

l-impenji kollha flimkien max-xogħol fuq bazi *full-time*, il-kura tal-ulied u tad-dar, jieħdu ħafna mill-ħin tal-ġurnata, li awtomatikament inaqqsu b'mod konsiderevoli l-ħin ta' rilassament u tgawdija mal-familja b'mod in ġenerali. Il-Qorti evalwat li mill-atti tal-kawza, għalkemm l-attriċi tilmenta li l-impenji tal-konvenut kienu eċċessivi u li dawn kienu l-prijorita' għalih, tant li tisħaq illi *"ghal kollox kien isib hin, barra ghalija u ghat-tifla"* u *"xtaqtu d-dar kemm ghat-tfal kif ukoll ghalija ghax il-hin taghna flimkien kien limitat wisq"*, fl-affidavit tagħha tonqos milli ssemmi illi anke' hi stess kellha l-impenji tagħha. Għalkemm huwa minnu li l-impenji tagħha kienu bil-wisq inqas minn dawk tal-konvenut, jibqa' stat ta' fatt li l-attriċi ma tistgħax tippunta subgħajha lejn zewġha meta hi kienet qiegħed tagħmel bħalu. Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tittenta titfa' dell ikrah fuq zewġha fejn tallega li minħabba l-impenji tiegħu, ma kienx jagħti bizzejjed attenzjoni lil familja tagħhom u kien jonqos milli jagħti daqqa t'id fix-xogħol tad-dar. Fil-fatt l-attriċi tispjega li l-konvenut *"kien jitrattani ta' xi skjava li kelli naghmillu kollox u fil-hin li jrid hu"* filwaqt li b'mod insensittiv kien jikkompara lil attriċi ma' ommu. Minkejja din id-dikjarazzjoni ġuaramentata, il-Qorti tinnota l-verzjoni kunfliġġenti tal-attriċi stess in kontro-ezami fejn tikkontradixxi lilha nnifisha meta tispjega li: *"zewgi kien jghini f'xi facendi u xoghol id-dar kont ingib wara li kellna t-tfal u mhux qabel. Kien ikompli jghini meta kont nahsel l-art. (…) Meta twieldet it-tifla naqbel li ma hadtx il-parental leave kollu u hadtu leave wara. Generalment, ommi kienet izzommha meta nkunu xoghol. Lit-tifla kont immur ghaliha wara x-xoghol u jekk nispicca qabel immur qabel. (…) Ir-ragel gieli mar ghat-tifla hu meta jispicca x-xoghol qabli. Kien joqghid mat-tifla sakemm nigi jien u gieli kien jahsilli. Rieqda ma kinitx tkun ghax jien ma kontx nigi daqshekk tard. Kelli kors tal-kompjuter dak iz-zmien u kont nasal lura id-dar fid-9pm u t-tifla tkun mieghu. (…) Gieli hadhom il-bandli u gieli temaghhom u gieli harighom bir-rota, gieli hasilhom. (…) Lill-kbira kien jaqralha storja qabel torqod pero' mhux kuljum u meta kellna zewgt itfal ma niftakarx li kien jaghmel hekk."* In kontro-ezami, l-attriċi tgħid ukoll *"Is-sibt fis-2pm meta jigi mix-xoghol gieli gheni nkompli nahsel l-art. (…) Darba f'mitt qamar konna mmoru nixtru flimkien u dejjem imgorr jien ghax dahru jugghu. Fis-Sajf, is-Sibt konna mmorru l-bahar u x-xitwa passeggiata sakemm ma nkunux miggildin. Il-Hadd mhux dejjem konna nohorgu flimkien"*. Fil-fatt il-konvenut stess jikkonferma dan fejn jgħid illi *"bejnietna konna naghmluhom l-affarijiet, il-moghdija kont naghmilha kollha kollha jien,*

*maintenance fid-dar, niehu hsieb il-karozzi, tindif tal-karozzi, konna naqsmu l-affarijiet bejnietna"*.

Il-Qorti tifhem li jista' jagħti l-kas li l-ħin ta' bejn il-partijiet kien wieħed limitat, madanakollu ma għandux ifisser li l-konvenut ma kienx jgħin fejn jista' fix-xogħol tad-dar, jew li ma kienx iqatta' ħin ma' familtu. Il-Qorti tieħu l-impressjoni lli l-partijiet huma ambizzjuzi u attivi fil-ħajja tagħhom fejn jippruvaw ileħqu ma' kollox. Madanakollu, il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-konvenut naqas serjament lil martu u/jew lil uliedu. Jidher ċar illi l-partijiet kienu jirranġaw bejniethom kif jistgħu sabiex kull wieħed minnhom ileħħaq mal-impenji tiegħu, fejn matul il-ġimgħa kienu jqattgħu l-ħin tagħhom flimkien.

Magħdud ma' dan, l-attriċi tagħti stampa tal-konvenut bħala persuna li għandu ossessjoni kbira ta' flus, fejn tiddiskrevih bħala persuna li *"mohhu biss kien biex jaqla' izjed flus, biex jinvesti fil-bonds u fl-ishma biex meta jixjieh ikollu l-flus"*. L-attriċi tkompli billi tgħid li l-konvenut kien jagħtiha biss *"€80 fix-xahar ghal bzonnijiet ta' kuljum bhal halib, priezet, hobz u ohrajn u dan mill-flus ta' l-impjieg tieghi!!!"*. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jispjega li dwar l-utilizzar tal-flus, il-partijiet kienu jiftehmu fil-bidu tas-sena billi jagħmlu pjan finanzjarju u fir-rigward tat-tmenin Ewro (€80) dan kien hemm qbil bejntiehom, liema flus ġew deskritti mill-konvenut bħala *"extra pocket money, mhux ghal affarijiet tal-hajja"*. Il-Qorti ma kientx konvinta minn dan l-argument u għaldaqstant qiegħda tistrieħ fuq l-*istatements* bankarji li ġew ipprezentati fl-atti ta' din il-kawza. Jidher li l-attriċi kellha numru ta' kontijiet bankarji fuq isimha u oħrajn konġunti ma' zewġha, minn liema kontijiet jidher li kien hemm numru ta' transazzjonijiet. Għaldaqstant jidher ċar li l-attriċi ma kienetx qiegħda tgħix bl-*allowance* mizeru ta' tmenin Ewro (€80) fix-xahar, izda kellha l-fakolta' li tixtri għaliha u għal uliedha skont kif deherilha dejjem xieraq. L-istess jista' jingħad għall-ammonti intizi għar-rigali kif allegat mill-attriċi stess, fejn fin-nuqqas ta' provi suffiċjenti, il-Qorti kienet kostretta tevalwa l-*istataments* bankarji fejn osservat li kien hemm numru ta' transazzjonijiet immirati għar-rigali, fejn l-ammonti kienu jvarjaw minn €35, €50, €60 u €70.[22] Għaldaqstant l-anqas dan l-argument ivvantat mill-attriċi ma jista' jiġi emnut minn din il-Qorti.

---

[22] Fol. 680, 689, 691.

In vista tal-premess, il-Qorti tinsab moralment konvinta li għal snin twal fil-ħajja mizzewġa tal-partijiet ma kienetx tezisti din il-gravita' ta' sitwazzjoni u dan salv għall-fatt li bħal kull kopja oħra mizzewġa, il-partijiet tul iz-zwieġ seta' kellhom xi kwistjonijiet frivoli li dwarhom ma qablux. Madanakollu, il-Qorti ma tħossx li fil-perjodu ta' bejn id-data taz-zwieġ fl-2002 sas-sena 2009, u ċjoe' għal seba' (7) snin, kien hemm raġuni valida għaliex iz-zwieġ seta' jitkisser. Il-Qorti temmen li l-perjodu ta' għawġ bejn il-partijiet beda għal perjodu tas-sena 2009. Fil-fatt iz-zewġ partijiet jaqblu li Ġunju tas-sena 2009 kien dak ix-xahar li fih l-attriċi indunat li l-konvenut inbidel, u viċi versa. L-attriċi ssostni li l-konvenut inbidel fis-sens illi kien sar protettiv fuq it-telefon ċellulari tiegħu u kien il-ħin kollu jirċievi l-messaġġi, b'hekk l-attriċi bdiet tissusspetta li hemm fin-nofs mara oħra. Fil-fatt l-attriċi tallega li s-suspett tagħha dlonk ġie kkonfermat meta sabet nokkla safra fil-karozza ta' zewġha. Min-naħa l-oħra, l-konvenut jikkontendi li l-attriċi nbidlet fis-sens li kienet bdiet titraskura lilu, uliedhom u d-dar. Fil-fatt il-konvenut jgħid li kien proprju għal tali raġuni li l-argumenti ta' bejniethom bdew jiskalaw fl-2009, u jkompli illi *"l-argument ma kienx ghax ma jkunx hemm l-ikel lest, l-arument kien li ma kinitx qed taghti kas ta' xejn u ta' hadd"*. Meta l-konvenut ġie mistoqsi mill-Qorti għaliex l-attriċi kienet qiegħda taġixxi b'dan il-mod, il-konvenut irrisponda *"ghax kienet qed thallat ma ragel iehor ghalhekk"*. Għaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li l-kwistjoni kollha tirrivolvi madwar adulterju fil-konfront taz-zewġ partijiet.

Il-Qorti tinnota li kemm l-attriċi u kif ukoll il-konvenut jallegaw li z-zwieġ ta' bejniethom tkissier b'mod irrimedjabbli minħabba relazzjonijiet extra-matrimonjali da parti z-zewġ partijiet. Wara li l-Qorti evalwat l-atti proċesswali u ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tal-attriċi stess, tinsab konvinta li l-attriċi kellha relazzjoni extra-matrimonjali fis-sena 2009. Il-Qorti temmen li r-relazzjoni ta' bejnha u G H bdiet tieħu zvolta minn meta l-attriċi stess tikkonferma li bdiet tiddiskuti l-problemi maritali tagħha miegħu, fejn dan tal-aħħar ukoll kien għaddej minn problemi matrimonjali. Għalkemm il-Qorti ma għandha l-ebda konferma dwar kif bdiet din ir-relazzjoni ta' bejn l-attriċi u G H u dwar xiex ezattament kienu jitkellmu, il-Qorti tinsab konvinta li bejn dawn it-tnejn inħolqot kunfidenza zejda waqt il-perjodu li l-attriċi kienet għadha mizzewġa lil konvenut, liema relazzjoni extra-matrimonjali għadha għaddeja sa' llum. Dan jista' jiġi kkonfermat permezz tad-dikjarazzjoni tal-attriċi stess li tammetti li ma' G H *"kont*

*inhossni komda hafna li naqsam mieghu dak li kont ghaddejja minnu u hu kien jaghmel l-istess".*

Il-Qorti ssibha ferm diffiċli li tasal għal konkluzjoni differenti meta l-attriċi stess tikkonferma li: (i) nhar it-2 ta' Novembru 2009, dlonk marret għand avukat sabiex tibda bil-proċeduri ta' separazzjoni meta l-konvenut qalilha sabiex tagħmel hekk, (ii) mit-2 ta' Novembru 2009 tikkonferma li bdiet tgħix ħajja separata minn ma' zewġha, filwaqt li bdiet toħroġ ma' G H, (iii) fl-aħħar ta' Diċembru infurmat lil konvenut li kienet daħlet persuna oħra f'ħajjitha, u (iv) mill-bidu ta' Jannar bdiet tgħix ma' G H kull meta ma jkollhiex it-tfal magħha. Il-Qorti tinsab moralment konvinta li problemi elenkati mill-attriċi u li fuqhom qiegħda tibbaza din il-firda personali, ġew amplifikati sabiex b'hekk tittenta tikkonvinċi lil Qorti li kien proprju għalhekk li ma setgħatx tibqa' f'relazzjoni mal-konvenut u konsegwentament bdiet relazzjoni oħra ma' kollega tagħha. Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi konsapevolment bdiet relazzjoni mal-kollega tagħha u sabiex tevita li tiġi akkuzata b'adulterju, sfat sabiex dawret is-sitwazzjoni kollha kontra l-konvenut. Il-konvenut induna bl-aġir tal-attriċi u temmen li kien proprju għalhekk li kien qiegħed jinqala' iktar inkwiet bejn il-partijiet, għaliex min-naħa waħda għandek lil konvenut li kien qiegħed jipprova jara għaliex martu inbidlet daqshekk tant li bdiet taġixxi b'mod differenti mis-soltu, u min-naħa l-oħra għandek lill-attriċi b'relazzjoni adultera li fiha kienet qiegħda tħossha komda, liema relazzjoni kienet qiegħda naturalment taffettwa l-ħajja mizzewġa tagħha mal-konvenut. Għaldaqstant, il-Qorti tinsab moralment konvinta li z-zwieġ tal-partijiet tkissir b'mod irrimedjabbli *primarjament* stante r-relazzjoni adultera li bdiet l-attriċi ma' G H waqt li kienet mizzewġa u tgħix bħala familja mal-konvenut u uliedhom;

L-episodju taċ-ċavetta li seħħ għal ħabta ta' Jannar 2010 kien wieħed kruċjali li kompla kisser ir-relazzjoni u z-zwieġ tal-partijiet. Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-partijiet, il-Qorti tinnota u li fl-ewwel lok, jidher li kemm kunflitt dwar x'kienet ser tagħmel l-attriċi bl-affarijiet li kellha fil-karozza, u ċjoe' jekk kienetx ser tagħti lil oħtha xi affarijiet li ma kellhiex iktar bzonn, jew kienetx ser titlaq mid-dar u b'hekk għabbiet fil-karozza xi ħwejjeġ personali tagħha u tat-tfal. Il-Qorti tevalwa li dwar dan l-episodju, l-attriċi naqset milli tipproduċi x-xhieda ta' oħtha sabiex b'hekk

il-verzjoni tagħha tiġi kkorraborata. Fit-tieni lok, il-Qorti tevalwa ukoll li ma tinsabx moralment konvinta li l-konvenut huwa persuna vjolenti u aggressiv. Il-konvenut stess jammetti fl-affidavit tiegħu li matul dan l-episodju, huwa qabad lill-attriċi minn għonqha izda telaqha x'ħin irrealizza x'kien qiegħed jagħmel. Jidher ċar li l-attriċi tipprova tagħti x'tifhem li l-konvenut huwa persna vjolenti u aggressiv, tant li ssemmi sitwazzjoni oħra fejn il-konvenut kien vjolenti magħha. Madanakollu u dan filwaqt li l-Qorti tirriafferma li ma tiġġustifikax il-vjolenza fi kwalsiasi forma li din tista' tkun, din tgħaddi sabiex tinnota li l-vjolenza hekk allegata mill-attriċi ma ġietx ikkorraborata minnha stess. Il-Qorti tinnota illi l-attriċi serjament tonqos milli tipprova bi provi sodisfaċenti l-karattru tal-konvenut u magħdud ma' dan hija tonqos ukoll li tesebixxi xi rapporti magħmula minnha mal-Pulizija tul iz-zmien li damet mizzewġa lil attur, fejn b'mod inekwivoku tistabilixxi li hija verament kienet qiegħda tibza' għal ħajjitha u għal dik ta' uliedha.

Il-Qorti tinsab tal-fehma illi l-episodju hawn fuq imsemmi kien wieħed ta' rabja u konfuzjoni, iddominat minn elementi ta' persistenza da parti l-konvenut u rezistenza da parti l-attriċi. Għalkemm dan l-episodju partikolari jista' jiġi deskritt bħala wieħed mhux daqstant ċivili u feliċi, xorta waħda ma jistgħax jiġi meqjus bħala episodju ta' theddid u vjolenza. L-attriċi tonqos milli tiprovdi dawk il-provi li jikkonfermaw li l-konvenut huwa verament u konistentament raġel vjolenti. Il-Qorti tkompli billi tirrileva illi ssibha ferm diffiċli li temmen lill-attriċi li din ma għamlitx rapport lil Pulizija. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mil-liġi, dan l-episodju in kwistjoni jista' biss jiġi kkunsidrat bħala att singolari u izolat. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistgħax issib lil konvenut ħati ta' vjolenza u/jew inġrji gravi.

Ma hemmx dubju f'għajnejn il-Qorti illi l-attriċi hija ħatja ta' adulterju ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili u fil-fehma tal-Qorti huwa proprju stante tali adulterju li z-zwieġ tfarrak b'mod irrimedjabbli. L-adulterju da parti l-attriċi kien proprju l-funditus tal-kwistjoni odjerna, li minħabba tali rrenda lil konvenut f'raġel insikur u ddispjaċut, fejn għamel il-possibli sabiex isalva z-zwieġ tiegħu. Mill-atti tal-kawza jidher ċar li l-attriċi kienet diġa' fformulat il-ħsibijiet preċizi tagħha dwar il-ħajja matrimonjali mal-konvenut, tant li kull darba li tara jew tkun fil-prezenza ta' zewġha kienet tħossha fizikament hazin. Tajjeb li jiġi sottolinejat li dawn is-sensazzjonijiet

tal-attriċi kienu bdew ftit qabel ma' kienet rrikorriet għand avukat sabiex tibda l-proċeduri ta' separazzjoni u konsegwentament bdiet uffiċċjalment ir-relazzjoni tagħha ma' G H. Fil-fehma tal-Qorti, huwa għib għal persuna mizzewġa li tkisser lil konjuġi tagħha mentalment billi tisħaqlu li trid tagħzel bejnu u bejn persuna oħra. Il-Qorti temmen ukoll li fiċ-ċirkostanzi kien ikun idoneju li kienu jiġu prodotti kull professjonist msemmi fl-affidavits tal-partijiet u ċjoe' Fr Rene Camilleri, Fr Louis Subhan, Dr Bernard Grech u Dr Mireille Petit Pellegrini, sabiex b'hekk tingħata ukoll lil Qorti verzjoni oġġettiva u imparzjali. Fiċ-ċirkostanzi, ma hemmx lanqas dubju li l-konvenuta hija ukoll ħatja ta' inġurji gravi fil-konfront ta' zewġha ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex minkejja li l-attur ipprova jsalva z-zwieġ tiegħu, l-attriċi dejjem irrikorriet lura għand G H.

Minkejja l-premess, il-Qorti madanakollu tevalwa li fil-konfront tal-konvenut, ma hemm xejn li jikkonferma li lura fl-2009, u ċjoe' waqt li kien għadu qiegħed jgħix ma' martu bħala familja, dan kellu relazzjoni adultera ukoll. Jibda sabiex jingħad illi għalkemm l-attriċi tallega li sabet nokkla safra fil-karozza ta' zewġha, l-attrici ma rnexxiliex tipprova li l-konvenut ikkommetta adulterju. Madanakollu, mill-atti proċesswali jirrizulta u dan minn dikjarazzjoni tal-konvenut stess, illi nhar it-18 ta' Novembru 2010 u ċjoe' ftit inqas minn sena wara li l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali, il-konvenut beda relazzjoni ma' L P, l-ex mara tas-sieħeb tal-attriċi. Dan fil-fatt tikkonfermah ukoll L Bonniċi stess fl-affidavit tagħha esebit f'dawn il-proċeduri. Għaldaqstant, għalkemm iz-zwieġ tal-partijiet tkisser *primarjament* minħabba r-relazzjoni adultera tal-attriċi, il-Qorti għandha dikjarazzjonijiet ġuramentati li sussegwentament il-konvenut ukoll beda relazzjoni extra-matrimonjali ma' L P waqt li kien separat *de facto* minn ma' martu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Rita Busuttil pro et noe vs Raymond Busuttil**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Diċembru 2015, fejn ġie ritenut illi: *"Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-inkwiet matrimonjali kien originarjament rizultat tal-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment meta, wara s-separazzjoni de facto, l-attrici dahlet f'relazzjoni adulteruza ma' terza persuna. Ghalhekk ma jistax validament jinghad li, ghax ir-relazzjoni adulteruza tal-attrici bdiet cirka*

*hames snin wara s-separazzjoni de facto, allura hija m'ghandha ebda htija ghas-separazzjoni. B'din ir-relazzjoni extra-matrimonjali l-attrici issigillat it-tkisser taz-zwieg bejn il-partijiet b'mod li qerdet kwalunkwe speranza li dawn jergghu jghixu flimkien".*

Il-Qorti tinsab tal-fehma illi dan il-prinċipju għandu jiġi applikat fil-kaz odjern fil-konfront tal-konvenut u dan għaliex wara s-separazzjoni *de facto* tagħhom, beda relazzjoni extra-matrimonjali u b'hekk kompla jelimina kull possibilita' li l-partijiet jirranġaw u jkomplu bil-ħajja matrimonjali tagħhom flimkien.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-attriċi kif irrappurtat f'din is-sentenza, irrenda l-ħajja komuni bejn il-partijiet insapportabbli, bil-konsegwenza li dakinhar tal-inċident taċ-ċwievet, l-attriċi għazlet li titlaq mid-dar matrimonjali sabiex tibda ħajja ġdida mas-sieħeb tagħha. Għaldaqstant, il-partijiet isseparaw *de facto* minn xulxin, fejn sussegwentament il-konvenut ukoll beda relazzjoni extra-matrimonjali. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni valida għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija għat-tkissir taż-żwieġ tiġi attribwita liż-żewġ partijiet. Għaldaqstant, il-Qorti ssib lil attriċi ħatja ta' adulterju u inġurji gravi, filwaqt li ma ssib l-ebda ħtija ta' eċċessi u sevizzi da parti l-istess attriċi fil-konfront tal-konvenut stante li dawn ma ġewx minimament ippruvati. Min-naħa l-oħra, l-Qorti ssib lil konvenut ħati ta' adulterju, filwaqt li ma ssib l-ebda ħtija ta' vjolenza morali, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi. Fil-fehma tal-Qorti, l-attriċi għandha tkun ħatja tal-firda mis-7 ta' Jannar 2010 u ċjoe' meta telqet mid-dar matrimonjali sabiex tgħix mas-sieħeb tagħha, filwaqt li l-konvenut għandu jkun ħati tal-firda mit-18 ta' Novembru 2010 meta beda r-relazzjoni extra-matrimonjali mas-sieħba tiegħu.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi u l-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' zewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jgħid illi tali disposizzjonijiet tal-liġi għandhom japplikaw fil-konfront tal-attriċi.
Il-firda personali motivata mill-adulterju, bħalma huwa l-każ odjern, iġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

***"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*** [23]

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".***

Fil-każ odjern, il-partijiet huma t-tnejn ħatja ta' adulterju fil-konfront ta' xulxin. Għaldaqstant, la darba l-Qorti sabet il-ħtija tal-adulterju, m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tilqa' t-talba tal-attriċi u tal-konvenut f'dan ir-rigward.

## 4. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:

[23] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu zewġt itfal, u ċjoe' D B imwielda nhar il-24 ta' Diċembru 2004 u Angelle B imwielda nhar l-14 ta' Settembru 2008. Dan ifisser illi fil-prezent D B għandha ħmistax-il (15) sena, filwaqt li Angelle B għandha ħdax-il (11) sena. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri, ġew regolati permezz ta' numru ta' digrieti.

Fir-rigward ta' kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tinnota li:

a. Nhar is-**7 ta' Frar 2011**[24] ingħata l-ewwel digriet, fejn il-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni tar-Rapport tas-*Social Worker* Denise Portelli pprezentat u debitament maħluf nhar it-12 ta' Jannar 2011,[25] ordnat illi għandhom jiġu addottati r-rakkomandazzjonijiet tas-*socal worker* u ċjoe' li l-kura u kustodja tal-minuri tkun waħda konġunta bil-kundizzjonijiet indikati fir-raba' (4) paragrafu tal-paġna numru sitta (6),[26] u l-aċċess għandu jkun skont dak indikat taħt l-"Option A"[27] fl-istess rapport ġialadarba li *inter alia* jaghti aktar spazju lill-ġenituri jipparteċipaw fil-ħajja ta' uliedhom;

[24] Fol. 49.
[25] Fol. 42.
[26] *"Jinhass li kien ikun iktar utli li D u Angelle, li huma ta' eta' tenera, tħallew jaġġustaw ruħhom għas-separazzjoni tal-ġenituri tagħhom mingħajr prezenza ta' raġel ieħor jgħix m'ommhom daqshekk malajr wara li l-familja tagħhom tkissret. Minkejja dan, trid tittiehed in konsiderazzjoni tal-fatt li fil-prezent D u E diġa ilhom minn Ġunju 2010 jgħixu fl-istess dar ma' G meta jkunu m'ommhom, allura huwa tard wisq biex jiġi rrakomandat li l-aċċess m'għandux isir fil-prezenza ta' terzi persuni,* ***izda*** *mhux tard wisq biex jiġi rrakkomandat li din il-prezenza tkun limitata. Fil-konfront tal-minuri hu rrakkomandat li:*

- *A u C għandhom ikollhom kura u kustodja konġuntiva tal-minuri D u E;*
- *Li C u A m'għandhomx jorqdu ma' terzi persuni li magħhom ikun hemm relazzjoni intima fil-ġrante li jkollhom aċċess mat-tfal qabel ma jkunu ilhom mill-inqas sentejn f'relazzjoni ma din il-persuna u jkunu jħossuhom konvinti li din ma tkunx xi relazzjoni temporanja;*
- *Għall-festi speċjali:*

*'Jum il-Missier', D u E jkunu ma' missierhom anke jekk dakinhar ikun imisshom ma' A;*
*'Jum l-Omm', D u E jkunu m'ommhom anke jekk dakinhar kien imisshom ma' C;*
*Fil-Milied it-tfal jkunu mid-9.00a.m. sat-3.00p.m. u fl-Ewwel tas-Sena mit-3.00p.m. sad-9.00p.m. m'ommhom. Fis-sena ta' wara l-ħinijiet jinqalbu".*

[27] Option A:

a. *"A tiġbor lil D hi kuljum wara l-iskola u lil E mingħand min ikun qed izommha dakinhar;*
b. *A għandha jkollha aċċess ma' D u E mit-Tnejn sal-Ġimgħa sal-5.30 p.m. G m'għandux ikun prezenti għal dan l-aċċess;*
c. *Mit-Tnejn sal-Ħamis, C għandu jiġbor it-tfal mingħand A kuljum fil-5.30p.m. u jzommhom miegħu sal-għada filgħodu;*
d. *C għandu jieħu ħsieb li jwassal lil D skola. Sakemm E tibda skola wkoll, filgħodu għandu jwassal lil E għand ommu jew jiftiehem fejn se jiltaqa' ma' A, biex A tkun tista' tieħu lil E għand ommha;*
e. *Fil-ġranet li ma jkollhiex skola D għandu jiġi applikat għaliha r-rakkommandazzjonijiet issuġeriti għal E;*
f. *Il-Ġimgħa mill-5.30p.m. sal-Ħadd sas-6.00p.m. – Ġimgħa A t-tfal ikunu ma' A u Ġimgħa B ma' C;*
g. *Fil-weekends fejn it-tfal jorqdu ma' A, G m'għandux ikun prezenti fl-istess appartament, izda jista' jakkompanja lil A u t-tfal meta johorgu."*

b. Nhar it-**18 ta' Ottubru 2011**[28] ingħata t-tieni digriet, fejn il-Qorti laqgħat it-talba ta' A B sabiex *"bejn il-ġranet tal-Ġimgħa u l-Ħadd, iz-zewġ minuri jqattgħu tmiem il-ġimgħa mal-ġenituri tagħhom b'mod alternat b'dan illi meta jkun imiss lill-intimat sabiex iqatta' tmiem il-ġimgħa mal-minuri, huwa jiġbor lill-istess minuri mir-residenza tal-omm fl-4.30 pm tal-Ġimgħa u jirritornahom lura l-Ħadd fis-6pm"*;

c. Nhar il-**15 ta' Diċembru 2011**[29] ingħata t-tielet digriet, fejn il-Qorti ordnat illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun vestita b'mod esklussiv f'idejn l-omm filwaqt li akkordat aċċess lill-intimat għall-minuri kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn l-4.00pm u s-6.00pm, u illi l-intimat jiehu hsieb li, meta jkunu miegħu, il-minuri jagħmlu l-*homework* u jmorru għall-attivitajiet extra-kurrikulari. Fir-rigward ta' tmiem il-ġimgħa, il-Qorti kkonfermat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ottubru 2011;

d. Nhar il-**10 ta' Ġunju 2013**[30] ingħata r-raba' (4) digiret, fejn il-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni tat-tieni rapport tas-*social worker* Denise Portelli pprezentat u debitament maħluf nhar is-6 ta' Ġunju 2013,[31] ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri terġa' tkun konġunta bejn il-partijiet, filwaqt li tilqa' r-rakkomandazzjonijiet kollha tas-*social worker* u tordna illi jiġu segwiti senjatament mit-tieni paragrafu ta' paġna sebgħa (7) tar-rapport sal-aħħar paragrafu f'paġna tmienja (8) tar-rapport[32];

---

28 Fol. 73.
29 Fol. 84.
30 Fol. 1072.
31 Fol. 1064.
32 "(a) *Il-kura u kustodja għandha terħa' tkun konġunta. Fiċ-ċirkostanzi prezenti ma jinħass li hemm l-ebda lok għalfejn il-missier għandu jkun mċaħħad milli jkollu l-kura u kustodja ta' uliedu konġunta mal-omm; (b) D u E kienu ċari ħafna fix-xewqa tagħhom li jgħixu tlett ijiem m'ommhom u tlett ijiem ma missierhom. Għalkemm forsi dan mhux l-iktar arranġment ideali, peress li t-tfal se jkollhom giri minnpost għall-iehor, jinħass li fiċ-ċirkostanzi prezenti dan it-tip ta' aċċess jista' jaħdem. B'hekk it-tfal ikunu jistgħu igawdu lill-ġenituri ndaqs, kif jixtiequ huma; (c) Il-ħin li għandu jsir it-tibdil bejn ġenitur u ieħor għandu jkun fl-4.30pm. Kull ġenitur għandu dover li jgħaddi l-kotba u l-uniformijiet meħtieġa. Kull tifla għandha jkollha 'notebook' fejn il-ġenituri jistgħu jiktbu noti lil xulxin dwar affarijiet li jirrigwardjaw lit-tfal bħal, per ezempju, li se jkun hemm ħarġa tal-iskola jew xi studju għandhom bzonn jagħmlu; (d) Għalhekk, D u Angella għandhom ikunu ma' ġenitur A mill-4.30pm it-Tnejn sal-4.30 il-Ħamis, ma' ġenitur B mill-Ħamis fl-4.30 pm sa l-Ħadd fl-4.30, ma ġenitur A mill-Ħadd fl-4.30 pm sal-Erbgħa fl-4.30 pm eċċ; (e) Fil-bidu tal-aċċess għandu jiġborhom il-ġenitur li jkun se jibda t-tlett ijiem t'aċċess dakinhar; (f) F'Jum l-Omm D u Angelle għandhom ikunu m'ommhom, anke jekk dakinhar ikun imisshom għand missierhom. F'dan il-*

Fir-rigward tal-manteniment, il-Qorti tinnota li:

a. Nhar il-**10 ta' Ottubru 2012**, il-Qorti ordnat lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €400 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment tal-minuri u kif ukoll nofs l-ispejjez relattivi mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri. Magħdud ma; da nil-Qorti ordnat ukoll li kwalunkwe Allowance tat-Tfal jew benefiċċju ieħor relatat mal-minuri għandu jiġi pperċepit unikament mir-rikorrenti mingħajr il-kunsens tal-intimat;

b. Nhar it-**13 ta' Ottubru 2017**,[33] il-Qorti laqħat parzjalment it-talba tal-intimat u naqset il-manteniment għaz-zewġ minuri billi ordnatlu li jħallas is-somma ta' €200 minflok €400 fix-xahar;

Għaldaqstant, fil-prezent, il-kura u kustodja tinsab konġunta bejn il-partijiet, fejn il-minuri qegħdin jgħixu tlett (3) ijiem ma' kull ġenitur skont ir-rakkomandazzjoni tas-*social worker*, liema rapport kien ibbazat fuq ix-xewqat tal-minuri stess. Barra minn hekk, l-intimat qiegħed iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €200 fix-xahar għaz-zewġ minuri.

## *4.1. <u>Il-Kura u Kustodja tal-Minuri</u>*

Fil-kawza odjerna, il-Qorti tinnota illi l-partijiet jiddikjaraw li l-kura u kustodja ta' uliedhom m'għandhiex tibqa' konġunta bejniethom, izda fil-fehma tal-omm, din għandha tkun assenjata lilha, filwaqt li fil-fehma tal-missier, din għandha tkun assenjata lilu.

---

*kaz, l-omm għandha jkollha lit-tfal f'din il-ġurnata mill-10am sal-5.30 pm. L-istess għandu jsir f'Jum il-Missier, jekk dakinhar it-tfal jinzertaw li jkunu għand ommhom. F'dan il-kaz il-missier għandu jkollu aċċess mid-9.30am sal-5.30pm; (g) F'għeluq zmien it-tfal, kull ġenitur għandu jkollu l-opportunita' li jqatta' ftit ħin mat-tfal. Għalhekk f'din il-ġurnata il-ġenitur li jinzerta li m'għandux aċċess dakinhar għandu jkollu ċans jara lit-tfal għal sagħtejn. Il-ġenituri jistgħu jaslu għal ftehim bejniethom f'liema ħin għandu jsir dan l-aċċess. F'nuqqas ta' ftehim għandu jsir mit-3.00pm sal-5 pm; (h) D u Angelle għandhom iqattgħu il-Milied ma' ġenitur A mill-10,00 am sal-5.30 pm u l-Ewwel tas-Sena ma ġenitur B mill-10am sal-5.30pm. Is-sena ta' war ail-ġranet jinqalbu, jiġifieri ġenitur B jeħodhom fil-Milied; (i) Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz, hu importanti ħafna li dina l-Onorabbli Qorti tordna li l-familja jibdew jattendu għat-terapija ma' Family Therapist. Dawn il-laqgħat għandhom iservu t'għajnuna biex jiġu risolvuti intoppi u konflitti li jistgħu jinqalgħu, biex kulħadd jifhem aħjar ir-rwol tiegħu u biex jittaffu l-elementi ta' rabja u uġigħ ikkawzati mis-separazzjoni. It-terapija għandha tgħin lil ġenituri u lil partners tagħhom kif għandhom jimxu ma' D u Angelle. L-ispejjez tat-terapija għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.*

[33] Fol. 1715.

Minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[34] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**[35], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*.

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**[36] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[37] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…"*.

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinċipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u

[34] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[35] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[36] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[37] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances H vs. Duncan Caruana**[38] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks**[39] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet fil-maġġor parti tagħha fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet, fejn din kienet f'idejn l-omm għal perjodu ta' madwar sena u nofs, filwaqt li kienet b'mod konġunt bejn il-partijiet għal perjodu ta' iktar minn seba' (7) snin. Magħdud ma' dan, il-Qorti tevalwa ukoll li saru zewġ rapporti mis-*social worker* Denise Portelli, fejn l-ewwel rapport ġie redatt qabel ma' nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni quddiem din il-Qorti, filwaqt li t-tieni rapport ġie redatt wara digriet tal-Qorti ta' nhar it-12 ta' Marzu 2013[40] mogħti wara konsiderazzjoni tar-rikors tal-intimat ta' nhar il-20 ta' Frar 2013[41]. L-aħħar rapport tas-*social worker*, kien ibbazat ħafna fuq ix-xewqat tal-minuri u dan għaliex kif sewwa rriteniet is-*social worker* f'paġna numru sitta (6) tar-rapport, il-minuri *"għandhom dritt li jħossuhom kunteni, komdi u sikuri, mingħajr ma jħossu li b'dan il-mod qiegħdin jonqsu lill ġenitur li ma jkunx miegħu/magħha dakinhar"*. Kien proprju għalhekk li s-*social worker* Denise Portelli rrakkomandat li l-kura u kustodja tal-minuri terġa' tkun konġunta u dan għaliex *"D u Angelle kienu ċari ħafna fix-xewqa tagħhom li jgħixu tlett ijiem m'ommhom u tlett ijiem ma missierhom"*.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatt illi wara d-digriet tagħha ta' nhar il-10 ta' Ġunju 2013 fejn il-kura u kustodja tal-minuri ġiet fdata *pendente lite* lil partijiet b'mod konġunt, ma ġiex ipprezentat xi rikors mill-partijiet sabiex il-kura u kustodja tal-minuri terġa' tiġi varjata bl-intiza li tiġi fdata unikament u esklussivament lil xi parti minnhom. Fil-fatt il-Qorti nnutat li f'rikorsi sussegwenti li ġew intavolati fl-atti tal-kawza, ġie ddikjarat li *"prezentement l-aċċess għall-ulied huwa regolat permezz ta' digriet, liema*

[38] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[39] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).
[40] Fol. 1063.
[41] Fol. 1038.

*digriet ġie pronunzjat anke wara li kien sar rapport dwar ix-xewqat tal-minuri. Jiġi rilevat li dwar aċċess fil-ġranet normali u ta' kuljum ma jidhirx li hemm problemi bejn il-partijiet"*[42] u *"Illi sussegwentament u cjoe f'Gunju 2013 it-tfal bdew iqattghu tlett ijiem ma kull genitor u ghadhom hekk sal-lum, liema sistema dejjem hadmet"*.[43] Fil-fehma tal-Qorti dan jixhed illi sa mill-2013, il-minuri daħlu f'rutina ta' ħajja, li mill-atti proċesswali ma jidhirx li tali rutina ma kienetx qiegħda taħdem jew li kienet qiegħda toħloq xi preġudizzju lil partijiet b'mod partikolari lil minuri.
Il-Qorti taqbel pjenament mas-*social worker* u ċjoe' li *"għalkemm il-koppja B issa ilhom iktar minn 3 snin li sseparaw, l-elementi ta' rabja u weġgħat għadhom friski ħafna. (…) Il-fatt li l-koppja għadhom għaddejjin minn process litguz fil-Qorti zgur mhux t'għajnuna, speċjalment meta wieħed iqis t-tonalita' ta' ċertu mir-rikorsi li ġew ipprezentati mill-partijiet f'din il-kawza, li fl-opinjoni umli tal-persuna sottofirmata, zgur mhux qiegħdin jgħinu biex il-koppja jnaqqsu mill-pika ta' bejniethom. Dan kollu qiegħed iservi ta' detriment kbir fejn jidħlu t-tfal, li nqabdu bħala vittmi nnoċenti f'din il-battalja"*.[44] Il-minuri wrew x-xewqat tagħhom u addattaw rwieħhom għac-cirkostanzi. Madanakollu, il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tassisti fil-pika ta' bejn il-partijiet u dan b'mod partikolari fejn jidħlu l-interessi u l-benessere tal-minuri. Għaldaqstant, il-Qorti ma tħossx li fiċ-ċirkostanzi għandha tiddisturba r-rutina tal-minuri, u dan tenut kont tan-nuqqas ta' provi suffiċċjenti li jistabbilixxu li l-ħajja li għixu u għadhom qegħdin jgħixu l-minuri taħt dik l-ordni mogħtija mill-Qorti fl-10 ta' Ġunju 2013 hija waħda li kienet u/jew qiegħda tippreġudikalhom id-drittijiet tagħhom.

Tajjeb li jiġi sottolinejat illi l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha rrilevat: *"illum il-ġurnata, seba' snin wara li tali digriet ġie fis-seħħ u għadu fis-seħħ sal-ġurnata tal-lum, r-rikorrenti umilment tissottometti li hu fl-aħjar interess ta' uliedha minuri li l-kura u kustodja tal-ulied tibqa' konġunta bejniethom b'dan li naturalment deċizjonijiet relatati ma' saħħa u edukazzjoni u safar tal-istess ulied jittieħdu miz-zewġ partijiet filwaqt li decizjonijiet ordinarji jittiehdu minn dak il-ġenitur li miegħu ikunu l-ulied"*.

Għaldaqstant u in vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun idoneju u fl-aħjar interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tibqa' fdata b'mod

[42] Fol. 1346, rikors ta' A B pprezentat nhar is-7 ta' Mejju 2015.
[43] Fol. 1698, rikors ta' C B pprezentat nhar il-14 ta' Settembru 2017.
[44] Fol. 1069.

konġunt bejn il-partijiet, b'dan illi dawk id-deċizjonijiet ordinarji ta' kuljum rigward il-minuri għandhom jittiehdu minn dik il-parti li magħha/miegħu jkun imisshom jirrisjedu l-minuri, filwaqt li dawk id-deċizjonijiet ta' natura importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri, għandhom jittiehdu mill-partijiet b'mod konġuntiv.

### *4.2. <u>Aċċess għal Minuri</u>*

Permezz tad-digriet tal-10 ta' Ġunju 2013, il-Qorti taddotta r-rakkomandazzjonijiet kollha tas-*social worker* elenkati fir-rapport tagħha ta' nhar nhar is-6 ta' Ġunju 2013, liema rakkomandazzjonijiet jinkludu kif u fejn il-minuri għandhom jgħixu. In brevi, dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistabbilixxu li l-minuri jgħixu tlett (3) ijiem ma' missierhom u tlett (3) ijiem ma' ommhom, fejn jistpula b'mod ċar il-*modus operandi* ta' kif għandu jimxi dan il-pjan. Tali aċċess tal-partijiet għall-minuri huwa wieħed li jħalli ħin bizzejjed sabiex it-tnejn li huma jgawdu lil uliedhom b'mod ugwali. Il-Qorti tinsab konvinta li din ir-rutina ġiet inkorporata sew f'ħajjet il-minuri u dan fid-dawl tal-fatt li tali aċċess ilu jiġi ezerċitat għal dawn l-aħħar seba' (7) snin.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tosserva li l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha rrilevat: *"filwaqt li r-rikorrenti tirrikonoxxi li tħoss in-nuqqas tal-ulied f'dawk il-ġranet li ma jkunux magħha, umilment tissottometti li tali digriet issa sar parti mir-rutina u l-ħajja tal-istess minuri li drawh u jħossuhom komdi japplikawh u għalhekk, fl-aħjar interessi tal-istess ulied, tali digriet għandu jiġi konsolidat fis-sentenza aħħarija ta' din l-istess Onorabbli Qorti"*.

Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi tenut kont taċ-ċirkostanzi, ikun għaqli u idoneju illi l-aċċess għaz-zewġ partijiet ma' uliedhom jibqa' kif ordnat mill-Qorti permezz tad-digriet tagħha nhar it-13 ta' Ġunju 2013 u ċjoe' r-rakkomandazzjonijiet kollha tas-*social worker,* senjatament mit-tieni paragrafu ta' paġna numru sebgħa (7) tar-rapport sal-aħħar paragrafu f'paġna numru tmienja (8) tar-rapport ta' Denise Portelli datat 6 ta' Ġunju 2013 għandhom jiġu applikati; b'dana illi l-Qorti tvarja biss l-ħinijiet relattivi għall-Jum l-Omm u Jum il-Missier fis-sens illi: (i) f'Jum l-

Omm, il-minuri għandhom ikunu mal-omm mid-9.30 am sal-5.30pm, u dan anke jekk f'tali ġurnata l-minuri ikun imisshom joqgħodu ma' missierhom, u (ii) f'Jum il-Missier, il-minuri għandhom ikunu ma' missierhom mid-9.30am sal-5.30pm, u dan anke jekk f'tali ġurnata l-minuri ikun imisshom joqgħodu ma' ommhom.

*4.3. Manteniment lil Ulied mill-Partijiet*

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: ***"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".***

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Fil-kaz odjern jirrizulta li A B taħdem ma' Kambi Malta Ltd u abbazi tal-FS3 għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016, l-attriċi kellha introjtu gross fis-sena ta' €42,787.38.[45] Naturalment dan l-introjtu kompla jizdied kull sena bħal ma ġara bejn is-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2014 u dik 2015, u bejn is-sena 2015 u dik 2016, fejn l-introjtu tal-attriċi zdied bis-somma gross ta' €6,867.03 u €4,957.90, rispettivament.[46] Għaldaqstant, huwa inkonfutabbli li l-introjtu tal-attriċi għal din is-sena huwa ferm għoli minn dak li kellha fl-2014, 2015, 2016 u 2017. Għalkemm il-Qorti ma tistgħax tiddeċifra l-introjtu gross u/jew nett preċiz li għandha l-attriċi fil-

[45] Fol. 1671.
[46] Ara fol. 1658 u fol. 1671.

prezent, il-Qorti tista' tikkalkula li l-introjtu nett fix-xahar tal-attriċi huwa bejn wieħed u ieħor dak ta' €2,500.

L-intimat jaħdem bħala *manager* mal-Bank of Valletta plc fuq bazi *full-time* u skont l-FS3 għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċmebru 2016, il-konvenut kellu introjtu gross fis-sena ta' €36,971,98.[47] Magħdud ma' dan, il-konvenut għandu ukoll impjieg mal-Forzi Armati ta' Malta u abbazi tal-FS3 għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016, il-konvenut kellu introjtu gross fis-sena ta' €1,163.93.[48] Il-Qorti qiegħda tikkalkula li l-introjtu nett fix-xahar tal-konvenut għaz-zewġ impjiegI huwa bejn wieħed u ieħor dak ta' €2,500 ukoll.

Il-Qorti tevalwa li għal perjodu ta' bejn l-10 ta' Ottubru 2012 u t-13 ta' Ottubru 2017, l-konvenut kien ordnat sabiex iħallas is-somma ta' €400 kull erba' ġimgħat bħala manteniment għall-minuri. Il-Qorti tissottolineja illi t-talba għall-manteniment saret mill-omm permezz tar-rikors pprezentat nhar il-11 ta' Settembru 2012, fejn *inter alia* rrilevat illi *"minkejja tali digriet (li l-kura u kustodja hi vestita fl-omm), l-intimat qieghed jirrifjuta li jhallas kwalunkwe forma ta' manteniment ghal uliedu"*. Dan ifisser li, korrettament l-omm talbet għal manteniment minn għand zewġha stante li l-minuri kellhom ir-residenza magħha u dan *al di la* mill-aċċess li kellu d-dritt għalih il-missier. Madanakollu, l-kura u kustodja tal-minuri baqgħat fdata b'mod esklussiv f'iden l-omm għal perjodu ta' sena u nofs, tul liema perjodu l-minuri kienu jabitaw ma' ommhom. Wara dan il-perjodu, u ċjoe' minn nhar l-10 ta' Ġunju 2013, il-Qorti ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri kellha tkun vestita b'mod konġunt f'idejn il-partijiet u għalkemm ma semmiet xejn b'mod dirett dwar fejn kellhom jabitaw il-minuri, dan kellu jinfthiem illi dak rrakkomandat is-*social worker* Denise Portelli kellu jiġi applikat. Jekk wieħed jaqra r-rakkomandazzjonijiet tas-*social worker*, jara li r-residenza tal-minuri kellha tkun maz-zewġ ġenituri u dan stante li l-minuri kellhom jgħixu tlett (3) ijiem mal-omm u tlett (3) ijiem mal-missier. Minkejja dan, l-konvenut xorta waħda kien baqgħalu l-obbligu li jħallas il-manteniment ta' €400 skont l-ordni tal-Qorti u dan sa nhar il-13 ta' Ottubru 2017, fejn sussegwentament tali manteniment ġie ridott għal €200 fix-xahar, liema obbligu għadu *in vigore*.

---

[47] Fol. 1782.
[48] Fol. 1786.

L-attriċi tirrileva li minkejja li jkun ta' benefiċċju għal minuri li l-kura u kustodja u l-aċċess għandhom jibqgħu kif inhuma, il-konvenut xorta waħda għandu jibqagħlu l-obbligu li jħallas il-manteniment ta' €300 kull erba' (4) ġimgħat għaz-zewġ ulied, liema somma tinkludi l-ispejjez relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, għajr għal dawk l-ispejjez straordinarji. L-attriċi tkompli billi tirrileva li r-residenza tal-minuri tinsab mal-omm u għaldaqstant il-konvenut għandu jibqa' jħallas il-manteniment adegwat. Min-naħa l-oħra, il-konvenut huwa tal-fehma li ma għandux jħallas manteniment, ġialadarba matul dawk it-tlett (3) ijiem li t-tfal iqattgħu miegħu, jkun hu li jieħu ħsieb il-bzonnijiet kollha tagħhom mingħajr ma qatt talab flus lura minn għand l-attriċi. Għaldaqstant fil-fehma tal-konvenut, ġialadarba l-minuri qegħdin iqattgħu l-istess ħin ma' kull ġenitur, ma jkunx ġust li hu jħallas ukoll il-manteniment għat-tfal.

Wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni tal-argumenti tal-partijiet, tibda sabiex tirrileva li ma huwiex ikkontestat mill-partijiet li l-minuri għandhom iqattgħu tlett (3) ijiem ma' kull ġenitur. Magħdud ma' dan, il-Qorti tikkonsidra ukoll li l-argument tal-attriċi li r-residenza tal-minuri tinsab mal-omm, ma jreġix. Ir-rapport tas-*social worker* u d-digriet ta' din il-Qorti kienu ċari, fis-sens li f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri dawn għandhom iqattgħu ħin ugwali maz-zewġ partijiet. La l-Qorti u lanqas is-*social worker* qatt ma kkumentaw dwar il-fatt li r-residenza tal-minuri għandha tkun mal-omm, filwaqt li l-missier ikollu aċċess adegwat, jew viċi versa. Fil-fehma tal-Qorti, tali kumment, *se mai*, kien ikompli joħloq iktar pika bejn il-partijiet u l-għan ta' din il-Qorti kien li timminalizza r-rabja, d-dispjaċir u l-pika ezistenti ta' bejniethom, filwaqt li taġevola bl-akbar forza l-interessi tal-minuri li ma jaħtu assolutament xejn f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti ma kellha l-ebda raġuni valida sabiex tassenja r-residenza tal-minuri mal-omm, filwaqt li tiskredita l-possibilita' li din tkun mal-missier, u dan tenut kont tal-fatt li r-rapport tas-*social worker* jispjega li din kienet proprju x-xewqa tal-minuri.
Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-argument tal-attriċi li l-konvenut ipoġġi f'keffa waħda l-aċċess għall-minuri u l-ammont tal-manteniment. Dan huwa kaz partikolari fejn għall-interess suprem tal-minuri, ġie deċiz illi l-minuri jgħixu tlett (3) ijiem mal-omm u tlett (3) ijiem mal-missier, liema arranġament skont is-*social worker* ma huwiex l-iktar arranġament ideali. Madanakollu, dan it-tip ta' arranġament ġie addottat u saħansitra

inkorporat sew fil-ħajja tal-minuri D u Angelle, hekk kif diġa ġie spjegat iktar 'il fuq. Għaldaqstant il-partijiet, u dan matul dawk it-tlett (3) ijiem li jkun imiss lilhom sabiex jieħdu ħsieb lil minuri, qegħdin jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom billi kull wieħed minnhom ikopri l-ikel, ilbies u abitazzjoni, filwaqt li spejjez relatati ma' saħħa u edukazzjoni jiġu divizi bejniethom b'mod ugwali. Mill-payslips u FS3s ta' kull parti kif esebiti fl-atti, huwa kkonfermat illi kull parti għandha mezzi suffiċċjenti sabiex tagħmel dan, fejn l-introjtu mensili ta' C u A jqarbu lejn xulxin.

Għaldaqstant u dan in vista tal-fatt li l-minuri ser ikomplu jabitaw kemm ma' ommhom u kif ukoll ma' missierhom f'indirizzi differenti u kif ukoll li l-introjtu ta' kull wieħed mill-partijiet hija waħda sostanzjali, il-Qorti tordna li l-ebda parti minnhom ma għandha tagħti manteniment lil parti l-oħra, salv illi l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni, saħħa, attivitajiet extra-kurrikulari u kwistjonijiet ta' natura straordinarja, għandhom jibqgħu jiġu maqsuma u mħallsa bejniethom b'mod ugwali. Il-Qorti tieħu konjizzjoni tas-suġġeriment tal-attriċi u ċjoe' li l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u s-saħħa għandhom jitħallsu minn qabel mill-konvenut lill-intimata versu s-somma ta' €100 fix-xahar għaz-zewġ minuri u dan sabiex jiġu evitati l-problemi bejn il-partijiet. Minkejja li l-Qorti temmen li huwa ideali li l-partijiet jieqfu jilletigaw bejniethom fuq kull ħaġa, anke' fuq dawk l-kwistjonijiet frivoli, il-Qorti hija konvinta li kieku dan is-suġġeriment jiġi adoperat mill-partijiet, xorta waħda ikun hemm lok għal problemi bejn il-partijiet stante li kwistjonijiet ta' edukazzjoni u/jew saħħa jistgħu jinqagħlu meta l-minuri jkun imisshom jirrisjedu ma' missierhom. B'hekk il-Qorti hija tal-fehma li dik il-parti li jkun imissha tieħu ħsieb lil minuri għal tlett (3) ijiem, tul liema perjodu jkun hemm spejjez relatati ma' saħħa u/jew edukazzjoni, dik il-parti għandha tikkomunika minnufih mal-parti l-oħra sabiex tinfurmah/a rigward tali spejjez. Tajjeb li jiġi sottolinejat u dan sabiex jiġu evitati problemi ulterjuri, illi dak li jirrigwarda l-edukazzjoni tal-minuri l-ispejjez li għandhom jiġu maqsuma bejn il-partijiet huma dawk relatati mal-kotba, aċċessorji neċessarji għal kitba u l-istudju, uniformijiet u zraben, lezzjonijiet tal-privat u ħlas għall-iskola. Dak li jirrigwarda rigali għall-għalliema, il-partijiet għandhom il-fakolta' li jixtru rigal kull wieħed u dan mingħajr ma jitolbu kumpens lil parti l-oħra, jew jikkomunikaw bejniethom u jixtru rigal wieħed. Fir-rigward tal-attivitajiet extra-kurrikulari, il-Qorti tirrileva li kull parti għandha tikkomunika u takkwista l-kunsens tal-parti l-oħra sabiex il-minuri jkunu jistgħu jippartеċipaw f'attivitajiet extra-

kurrikulari. Fin-nuqqas ta' dan, il-parti li tkun aġġixxiet mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, ma għandu jkollu/ha l-ebda obbligu li tiġi rikompensata nofs l-ispejjez assoċjati mal-attivita' in kwistjoni. Il-Qorti tissoleċita lill-partijiet sabiex isibu metodu raġonevoli li bih ikunu jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin b'mod amikevoli meta *si tratta* s-saħħa, l-edukazzjoni u kwistjonijiet oħra relatati mal-minuri. L-istess għandu jsir fir-rigward ta' dawk l-ispejjez ta' natura straordinarja. Magħdud ma' dan, il-Qorti tissottolineja ukoll li kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *Children Allowance,* għandu jkun perċepibbli miz-zewġ partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom għan-nom tal-minuri.

## 5. It-Terminazzjoni u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar il-21 ta' Diċembru 2002, hekk kif jixhed mill-Att taz-Zwieġ,[49] din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

### *5.1. <u>Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Bis-saħħa tas-sentenza preliminari datata 22 ta' Novembru 2018, il-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, konjuġi B, ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.[50]

### *5.2. <u>Elenku ta' dak kollu li Jifforma fil-Komunjoni tal-Akkwisti u dak li huwa Parafernali</u>*

Is-segwenti assi huma dawk parafernali tal-partijiet:

a. Is-somma rapprezentanti tal-4659 *bond* tas-6.2% Mizzi Org Finance Plc Bds 2009-2012 bin-numru MT0000211210 irreġistrati fuq C B, likwidata nhar il-24 ta' Diċembru 2009.[51] Il-Qorti tevalwa li l-konvenut xtara dawn il-bonds nhar il-4 ta' Ġunju 2002, ċjoe' qabel ma zzewweġ lill-attriċi. Il-Qorti tevalwa li l-attriċi ma tagħmel l-ebda

[49] Fol. 5.
[50] Fol. 10.
[51] Fol. 195, 447-449.

referenza għal din is-somma jew titlob in-nofs tagħha.[52] Għaldaqstant, din is-somma għandha titqies bħala parafernali tal-konvenut;

b. Is-somma rapprezentanti tat-8% Bank of Valletta Plc US$ Bonds 2010 bin-numru MT0000021254 irreġistrati fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009.[53] Il-Qorti tevalwa li dawn il-*bonds* inxtraw minn C B qabel ma zzewweġ lil A B u ċjoe' fis-6 ta' Ottubru 2000. Il-Qorti tevalwa li l-attriċi ma tagħmel l-ebda referenza għal din is-somma jew titlob in-nofs tagħha.[54] Għaldaqstant tali somma għandha titqies bħala parafernali tal-konvenut;

c. Is-somma rapprezentanti tas-6.1% Malta Government Stock 2015 (I) bin-numru MT0000010943 irreġistrati fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009.[55] Il-Qorti tevalwa li dan l-i*stock* inxtara mill-konvenut nhar l-4 ta' Lulju 2000 u b'hekk qabel ma zzewweġ lill-attriċi. Il-Qorti tevalwa li l-attriċi ma tagħmel l-ebda referenza għal din is-somma jew titlob in-nofs tagħha.[56] Għaldaqstant, tali somma għandha tiġi meqjusa bħala somma parafernali tal-konvenut;

d. 200 ishma mill-GO Plc Ordinary Shares bin-numru MT0000090101 irreġistrati fuq C B, liema ishma nxtraw mill-konvenut nhar is-7 ta' Diċembru 1999 u ċjoe' qabel ma zzewweġ lil A B. Għaldaqstant tali somma għandha titqies bħala parafernali tal-konvenut.

e. Nofs tas-somma rapprezentanti tas-6.7% AX Investments Plc Bonds 2014-2016 bin-numru MT0000081217 irreġistrati fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009. Il-Qorti tevalwa li l-konvenut xtara nofs il-*bonds* in kwistjoni nhar it-12 ta' Settembru 2001, ċjoe' qabel ma zzewweġ lill-attriċi. L-attriċi stess taqbel li dan in-nofs huwa parafernali tal-konvenut.[57] Għaldaqstant, din is-somma għandha titqies bħala parafernali tal-konvenut.

---

[52] Fol. 872, l-affidavit ulterjuri ta' A B rigward dak li għandu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.
[53] Fol. 195, 447-449.
[54] Fol. 872, l-affidavit ulterjuri ta' A B rigward dak li għandu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.
[55] Fol. 195, 447-449.
[56] Fol. 872, l-affidavit ulterjuri ta' A B rigward dak li għandu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.
[57] Fol. 872.

f. Is-somma ta' €11,647 mogħtija lil A B bħala donazzjoni minn missierha.[58] Il-partijiet qegħdin jaqblu li din is-somma għandha tifforma parti mill-assi parafernali ta' A B;[59]

Fir-rigward ta' dawk l-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti telenka s-segwenti:

a. Il-kontijiet bankarji konġunti bejn il-partijiet:[60]
   (i) 40011276278 mal-Bank of Valletta plc;

b. Il-kontijiet bankarji ta' A B fuq isimha personali, ġialadarba ma nġabet l-ebda prova li l-ammonti f'dawn il-kontijiet bankarji ġejjin minn sorsi parafernali:
   (i) 064-044779-001 mal-HSBC Bank Malta plc;
   (ii) 074-023417-050 mal-HSBC Bank Malta plc;
   (iii) 4035710035769079 mal-HSBC Bank Malta plc;
   (iv) 4035710035908271 mal-HSBC Bank Malta plc;
   (v) 15204849010 mal-Bank of Valletta plc;
   (vi) 40010528451 mal-Bank of Valletta plc;
   (vii) 40017888071 mal-Bank of Valletta plc;
   (viii) 40017981321 mal-Bank of Valletta plc.

c. Il-kontijiet bankarji ta' C B fuq ismu personali, ġialadarba ma nġabet l-ebda prova li l-ammonti f'dawn il-kontijiet bankarji ġejjin minn sorsi parafernali:
   (i) 011-063211-050 mal-HSBC Bank Malta plc;
   (ii) 10211073010 mal-Bank of Valletta plc;
   (iii) 13221729018 mal-Bank of Valletta plc;
   (iv) 13221729021 mal-Bank of Valletta plc;
   (v) 13221729089 mal-Bank of Valletta plc;
   (vi) 13221729102 mal-Bank of Valletta plc;

---

[58] Fol. 874, 1517, 891.
[59] Fol. 1517.
[60] Fol. 733-709, fejn jiġi stabbilit mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc li kien hemm iktar kontijiet bejn il-partijiet u ċjoe': 4001140197-5, 4001140198-8, 40014620009, 4001583741-9, 4001800225-4, u 4001836663-1, li kienu kollha kontijiet rigward self mal-istess bank izda d-dejn huwa kollu mħallas mill-partijiet. Għaldaqstant ma kienx hemm bzonn mill-Qorti li jittiehdu in konsiderazzjoni għad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet.

(vii) 40010210921 mal-Bank of Valletta plc;
(viii) 40010922808 mal-Bank of Valletta plc;
(ix) 40017981295 mal-Bank of Valletta plc;
(x) 40018962093 mal-Bank of Valletta plc;
(xi) 4042810002058042 mal-Bank of Valletta plc;
(xii) 1322172907_ mal-Bank of Valletta plc (l-aħħar numru tal-kont bankarju ma jidhirx mill-proċess *a fol* numru 529).

d. Il-kontijiet bankarji intestati jew intizi għal minuri:
(i) 40014011472 mal-Bank of Valletta plc, intiz għal D B;
(ii) 40017669177 mal-Bank of Valletta plc, intiz għal Angelle B.

e. Il-fond tal-*Vilhena Global Themed Fund*, bin-numru 142255 irreġistrat fuq il-partijiet għan-nom ta' D B jew is-somma likwidata;

f. Il-fond tal-*Vilhena Multimanager Fund*, bin-numru 160698 irreġistrat fuq il-partijiet għan-nom ta' Angelle B jew is-somma likwidata;

g. Bank of Valletta Plc Ordinary Shares, bin-numru MT0000020116 irreġistrati fuq C B u d-*dividends* naxxenti minnu;

h. Nofs is-somma rapprezentanti tas-6.7% AX Investments Plc Bonds 2014-2016 bin-numru MT0000081217 irreġistrati fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009. Il-Qorti tevalwa li għalkemm il-konvenut kien xtara nofs il-*bonds* in kwistjoni nhar it-12 ta' Settembru 2001, ċjoe' qabel ma zzewweġ lill-attriċi, il-partijiet fiz-zwieġ xtraw in-nofs rimanenti tal-*bonds*.[61] Għaldaqstant, nofs is-somma għandha titqies bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti u dan kif ikkonfermat ukoll mill-attriċi;[62]

i. 1150 ishma fil-GO Plc Ordinary Shares, bin-numru MT0000090101 irreġistrati fuq C B u l-interessi naxxenti minnu;[63]

[61] Fol. 195, 447-449.
[62] Fol. 872.
[63] Fol. 195.

j. Is-somma rapprezentanti tat-341 *bond* tas-6.2% Mizzi Org Finance Plc Bds 2009-2012 bin-numru MT0000211210 irreġistrata fuq C B, likwidata nhar il-24 ta' Diċembru 2009;[64]

k. Is-somma rapprezentanti tal-*bonds* kollha tas-6.3% International Hotel Investments Plc Bonds 2013 bin-numru MT0000111220 irreġistrata fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009;[65]

l. Is-somma rapprezentanti tal-i*stock* kollu tal-5.5% Malta Government Stock 2023 bin-numru MT0000011123 irreġistrata fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009;[66]

m. Is-somma rapprezentanti (€7,658.91) tas-6755 *stock* tal-5.9% Malta Government Stock 2015 (II) bin-numru MT0000011040 irreġistrati fuq A B, likwidata nhar it-18 ta' Novembru 2010;[67]

n. Is-somma rapprezentanti tal-i*stock* wieħed li fadal attiv tal-5.9% Malta Government Stock 2015 (II) bin-numru MT0000011040 irreġistrat fuq A B, li erronjament ma ġiex illikwidat mal-i*stock* l-ieħor nhar it-18 ta' Novembru 2010;[68]

o. Is-somma rapprezentanti (€1,828.87) tal-i*stock* kollu tal-5.5% Malta Government Stock 2023 bin-numru MT0000011123 irreġistrati fuq A B, likwidata nhar it-18 ta' Novembru 2010;[69]

p. 5.35% Bank of Valletta plc Subordinated Bonds 2019 bin-numru MT0000021262 irreġistrati fuq il-partijiet u l-interessi naxxenti minnu;[70]

---

64 Fol. 195, 447-449.
65 Fol. 195, 447-449.
66 Fol. 195, 447-449.
67 Fol. 198, 1533.
68 Fol. 199.
69 Fol. 198, 1532.
70 Fol. 200-201.

q. Is-somma ta' €3,353 li kienet tifforma parti mill-ammont ta' €15,000 li kienu ġew depozitati fil-kont bankarju ta' A B mal-Bank of Valletta plc, bin-numru 40017888071;[71]

r. Is-somma ta' €18,919 li kienet tinsab fil-kont bankarju ta' C B mal-Bank of Valletta plc, bin-numru 40010210921, liema somma ġiet miġbuda nhar it-28 ta' Novembru 2009 u mmarkata bħala transazzjoni *'BP ISSUE 762688'*;[72]

s. Karozza tat-tip VW Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni DBR-512;

t. Il-kontenut tas-*safe* fil-Bank of Valletta ġewwa n-Naxxar, liema *safe* huwa ennumerat 092;

<u>Allegat Dejn dovut lil C B:</u>

a. Somma flus li ommu fdat lil konvenut biha, liema somma kienet sehemha minn kuntratt ta' bejgħ li sar nhar il-21 ta' Novembru 1995.[73] Il-konvenut allegatament zamm dawn il-flus għan-nom ta' ommu f'kont bankarju mal-Bank of Valletta (ġja MidMed Bank) bin-numru 13221729102 li kien infetaħ f'Settembru 2000 u li fih tpoġġiet is-somma ta' LM5,000.[74] Dawn il-flus flimkien ma' flus oħra li kienu f'kont bankarju ieħor mal-Bank of Valletta bin-numru 40010210921, liema kont tal-bank allegatament infetaħ f'Diċembru tal-2000, intuzaw sabiex inxtraw numru ta' ishma u *bonds* lokali f'isem omm il-konvenut. Dawn l-ishma u *bonds* huma:[75]

    (i) 6.1% Malta Government Stock 2015 (I), bin-numru MT10943, liema *stock* inxtara nhar l-4 ta' Lulju 2000 u mibjugħ fid-9 ta' Diċembru 2009;[76]

71 Il-partijiet jaqblu fuq dan l-ammont fl-affidavits taghhom a fol. 874 u 1517.
72 Fol. 667.
73 Fol. 1522-1527.
74 Fol. 1528.
75 Fol. 1529.
76 Fol. 195.

(ii) 6.5% Cc Car Parks Plc Bonds 2006, bin-numru MT191206, liema *bonds* inxtraw nhar it-28 ta' Settembru 2001 u ġew mibjugħa fl-20 ta' Settembru 2006;[77]

(iii) 6.7% Mizzi Org Finance Plc Bonds 2009-2012, bin-numru MT211202, liema *bonds* inxtraw nhar l-4 ta' Ġunju 2002 u ġew mibjugħa nhar it-30 ta' Novembru 2009;[78]

(iv) 8% Bank of Valletta Plc US$ Bonds 2010, bin-numru MT21254, liema *bonds* ġew inxtraw nhar is-6 ta' Ottubru 2000 u ġew mibjugħa nhar id-9 ta' Diċembru 2009;[79]

(v) 8.25% Suncrest Bonds 2005/07, bin-numru MT81209, liema *bonds* inxtraw nhar it-12 ta' Settembru 2001, u ġew konvertiti f'6.7% AX Investments Plc Bonds 2014-2016 fis-sena 2007, liema *bonds* ġew mibjugħa fid-9 ta' Diċembru 2009;[80]

(vi) Maltacom Plc Ordinary Shares, bin-numru MT90101, liema ishma nxtraw fis-7 ta' Diċembru 1999.[81]

Il-Qorti tinnota li għalkemm jidher li dawn l-ishma u *bonds* inxtraw qabel iz-zwieġ tal-partijiet, mill-provi tal-konvenut ma hemm xejn li jistabbilixxi illi: (i) l-flus in kwistjoni huma ta' omm il-konvenut, (ii) li dawn il-flus jirrapprezentaw sehem omm il-konvenut mill-bejgħ tal-21 ta' Novembru 1995, u (iii) li l-konvenut kien qiegħed jaġixxi biss ta' *prestanome* għal ommu. Mill-atti proċesswali jirrizulta li dawn l-ishma u *bonds* kienu jappartjenu lil konvenut u mhux lil ommu.

b. Is-somma ta' €512.46 rapprezentanti pagamenti tal-*Home Loan Repayments* għal perjodu bejn Awwissu u Diċembru 2002;[82]

c. Is-somma ta' €45 rapprezentanti bilanċ ta' ħlas lilu minħabba l-kirja tal-garaxx u spejjez tat-trasport tal-għamara rimanenti mid-dar matrimonjali. Il-Qorti tinnota li kieku *se mai* dak allegat mill-konvenut huwa minnu, dak li għandu jiġbor mill-attriċi hija s-somma ta' €22.50 u mhux €45.[83] Il-Qorti evalwat l-*emails* ezebiti mill-konvenut f'dan ir-

[77] Fol. 195.
[78] Fol. 195.
[79] Fol. 195.
[80] Fol. 195.
[81] Fol. 195.
[82] Fol. 1547-1551.
[83] €1000 bejgħ ta' għamara tnaqqas €900 kirja tal-garaxx u tnaqqas ukoll €145 spejjez ta' transport, u b'hekk jirrizulta li l-partijiet marru minn taħt b'€45, liema somma għandha tinqasam bejn 2 u b'hekk kull parti tkun soffriet telf ta' €22.50.

rigward, fejn jidher li l-partijiet verament qablu li jbiegħu l-kamra tas-sodda versu l-prezz ta' €1000. Madanakollu, l-konvenut fiehem lill-attriċi li l-ispejjez li kellhom jitnaqsu minn tali ammont kienu kirja tal-garaxx għal sentejn u ċjoe' €600 u spejjez għat-trasport tal-għamara li jammonta għal €145. B'hekk jekk wieħed inaqqas dawn l-ammont miċ-ċifra ta' €1000, jifdal bilanċ ta' €255 u li minnu, hekk kif sewwa rrileva l-konvenut fl-*email* tiegħu stess, huwa kellu jagħti lil attriċi s-sehem tagħha ta' €127.50;[84]

d. Is-somma ta' €112.24 sehem il-konvenut mis-somma globali minfuqa minnu, rapprezentanti spejjez relatati mal-kura, saħħa u edukazzjoni tat-tfal ta' matul is-sena 2011 u 2012, liema somma hi kkorrabborata permezz ta' irċevuti;[85]

e. Is-somma ta' €717.74 sehem il-konvenut mis-somma globali minfuqa minnu, rapprezentanti fi spejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tat-tfal ta' matul is-sena 2014, liema somma hi kkorrabborata permezz ta' irċevuti;[86]

f. Is-somma ta' €294.59 sehem il-konvenut mis-somma globali minfuqa minnu, rapprezentanti fi spejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tat-tfal ta' matul is-sena 2015, liema somma hi kkorrabborata permezz ta; irċevuti;[87]

g. Is-somma ta' €500.93 sehem il-konvenut mis-somma globali minfuqa minnu, rapprezentanti fi spejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tat-tfal ta' matul is-sena 2016, liema somma hi kkorraborata permezz ta' irċevuti;[88]

<u>Allegat Dejn dovut lil A B:</u>

a. Is-somma ta' €1,200 (erronjament mnizzla bħala €950) sehem l-attriċi, rapprezentanti f'*Children Allowance* għan-nom tal-minuri. L-

[84] Fol. 1554.
[85] Fol. 1555, 1556.
[86] Fol. 1576-1606.
[87] Fol. 1607-1618.
[88] Fol. 1619-1628.

attriċi tispjega li fil-31 ta' Diċembru 2009, fil-31 ta' Diċembru 2010 u fis-6 ta' Jannar 2012, il-konvenut irċieva s-somma ta' €1,700 bħala *Children Allowance* għal perjodu tas-sena 2010, 2011 u 2012.[89] L-attriċi tikkontendi li: (i) Matul is-sena 2010, il-kura u kustodja kienet konġunta, u għaldaqstant kienet intitolata għal nofs l-ammont pperċepit mill-konvenut u ċjoe' €250, (ii) Matul is-sena 2011, il-kura u kustodja kienet konġunta, fejn il-minuri kienu jqattgħu 12-il lejl miegħu u matul il-jum sal-5.30pm kienu jkunu kuljum għand l-attriċi; għaldaqstant l-attriċi hi intitolata għal nofs l-ammont ipperċepit u ċje' €250; u (iii) Matul is-sena 2012, il-kura u kustodja tal-minuri kienet fdata għand l-omm, għalhekk l-allowance kellu jiġi pperċepit fl-intier tiegħu mill-attriċi. Il-Qorti tevalwa li mill-atti jirrizulta ċar li l-konvenut ipperċepixxa minn dawn l-ammonti u jispjega li tali ammonti intuzaw ukoll sabiex tħallsu xi investimenti tat-tfal, spejjez marbuta mal-*home loan* u kif ukoll pagamenti tal-poza ta' assigurazzjoni. Madanakollu l-Qorti tinnota, li dawn l-imsemmija spejjez ma ġewx ippruvati li tħallsu mill-flus ipperċepiti mic-*Children Allowance*. *Dato ma non concesso*, li hekk verament sar, il-Qorti hi tal-fehma li tali flus għandhom jintuzaw bl-intiza li jrendu l-ħajja tat-tfal aħjar u mhux għal affarijiet oħrajn li ftit li xejn għandhom x'jaqsmu man-neċessitajiet tagħhom.

b. Is-somma ta' €652.58 sehem l-attriċi, rapprezentanti fi spejjez relatati ma' kura, edukazzjoni u affarijiet oħra tat-tfal li ntefqu mill-attriċi sal-perjodu datat 15 ta' Diċembru 2011. Il-Qorti rat illi dan l-ammont huwa kkorraborat permezz ta' numru ta' irċevuti[90] u matul dan il-perjodu l-kura u kustodja kienet konġunta f'idejn il-partijiet. Magħdud ma' dan, il-Qorti tinnota li l-konvenut qiegħed jaqbel li jħallas dan l-ammont għajr għal dawk l-ispejjez li m'humiex essenzjalment marbuta mas-saħħa u l-edukazzjoni tat-tfal;[91]

c. Is-somma ta' €1,722.11 sehem l-attriċi, rapprezentanti fi spejjez relatati mal-kura, edukazzjoni u affarijiet oħra relatati mat-tfal li ntefqu mill-attriċi fil-perjodu ta' bejn il-15 ta' Diċembru 2011 sat-8 ta' Ottubru 2012. Il-Qorti rat illi dan il-perjodu ukoll huwa kkorraborat

[89] Fol. 487, 489, 490, 919-921.
[90] Fol. 933-1036.
[91] Fol. 1518, 1557, 1558.

permezz ta' numru ta' irċevuti.[92] Magħdud ma' dan il-Qorti tevalwa li matul dan il-perjodu, il-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet fdata esklussivament f'idejn l-omm, filwaqt li ma kien hemm l-ebda digriet rigward il-manteniment dovut stante li t-tfal kienu qegħdin jirrisjedu mal-omm. Għal darb'oħra l-Qorti tevalwa li l-konvenut qiegħed jaqbel li jħallas dan l-ammont għajr għal dawk l-ispejjez li m'humiex essenzjalment relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tat-tfal;[93]

d. Is-somma ta' €1,041.53 sehem l-attriċi, rapprezentanti fi spejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tat-tfal li ntefqu mill-attriċi fil-perjodu ta' bejn id-9 ta' Ottubru 2012 u d-9 ta' Ġunju 2013. Il-Qorti rat illi dan il-perjodu huwa kkorrabborat permezz ta' numru ta' rċevuti.[94] Il-Qorti tosserva li dawn l-ispejjez huma dawk oltre mill-manteniment li l-attriċi kkonfermat li vversala l-konvenut għall-minuri għal dan l-istess perjodu;[95]

e. Is-somma ta' €203.36 sehem l-attriċi, rapprezentanti fi spejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tat-tfal li ntefqu mill-attriċi fil-perjodu ta' bejn l-10 ta' Ġunju 2013 u t-28 ta' Jannar 2014, liema somma hi kkorraborata permezz ta' irċevuti;[96]

f. Is-somma ta' €230.12 sehem l-attriċi, rapprezentanti fi ħlasijiet tal-kontijiet lil PBS u GO plc għal-liċenzja tat-televizjoni u servizzi tat-telefon u televizjoni, rispettivament.[97] Il-Qorti tinnota li l-konvenut ma joġġezzjonax għal ħlas tal-istess;[98]

g. Is-somma ta' €1,391.80 sehem l-attriċi, rapprezentati f'mobbli rimanenti minn wara l-bejgħ tad-dar matrimonjali;

[92] Fol. 933-1036.
[93] Fol. 1518, 1559, 1560, 1561.
[94] Fol. 1131-1241.
[95] Fol. 1126.
[96] Fol. 1243-1280.
[97] Fol. 922-930.
[98] Fol. 1518.

h. Nofs is-somma ta' €18,919, miġbuda minn C B mill-kont bankarju mal-Bank of Valletta bin-numru 40010210921;[99]

*5.3. <u>Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u Assenjazzjoni tal-Porzjonijiet</u>*

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, waslet għal konkluzjoni li l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi diviza bejn il-partijiet u assenjata f'porzjonijiet lilhom skont is-segwenti:

<u>Porzjoni Assenjat lil A B:</u>

a. Nofs l-ammont f'kull kont bankarju konġunt bejn il-partijiet;

b. Nofs l-ammont ta' kull kont bankarju f'isem wieħed mill-partijiet, ad eskluzjoni ta dawk relatati jew abbinati mal-minuri;

c. Nofs sehem indiviż mill-kontijiet intestati jew intiżi għall-minuri, liema kontijiet bankarji għandhom jsiru jsejħu liż-żewġ partijiet, fejn dawn tal-aħħar isiru *both signatories* għalihom b'dan li kull deċiżjoni spettanti lill-istess kontijiet għandhom jittieħdu miż-żewġ partijiet b'mod ugwali;

d. Nofs sehem indiviz mill-*Vilhena Global Themed Fund*, bin-numru 142255 irreġistrat fuq il-partijiet għan-nom ta' D B jew nofs is-somma hekk likwidata, liema somma għandha tiġi investita għan-nom tal-minuri jew depozitata f'kont bankarju tal-istess minuri, bi qbil ma' missier il-minuri;

e. Nofs sehem indiviz tal-*Vilhena Multimanager Fund*, bin-numru 160698 irreġistrat fuq il-partijiet għan-nom ta' Angelle B jew nofs is-somma hekk likwidata, liema somma għandha tiġi investita għan-nom tal-minuri jew depozitata f'kont bankarju tal-istess minuri, bi qbil ma' missier il-minuri;

f. Nofs l-ammont depożitat il-Qorti wara l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju numru 183/2011;

---

[99] Fol. 874-875, 667.

g. Nofs is-sehem mill-investiment Bank of Valletta Plc Ordinary Shares, bin-numru MT0000020116 irreġistrati fuq C B u d-*dividends* naxxenti minnu maħruġa wara d-9 ta' Jannar 2010;

h. In-nofs tan-nofs tas-somma rapprezentanti tas-6.7% AX Investments Plc Bonds 2014-2016 bin-numru MT0000081217 irreġistrati fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009, dovuta lilha minn għand C B;

i. Nofs is-somma rapprezentanti tal-1150 ishma fil-GO Plc Ordinary Shares, bin-numru MT0000090101 irreġistrati fuq C B u kif ukoll nofs l-interessi ekwivalenti għall-imsemmija ishma li nħarġu wara d-9 ta' Jannar 2010;

j. Nofs is-somma rapprezentanti tat-341 *bond* tas-6.2% Mizzi Org Finance Plc Bds 2009-2012 bin-numru MT0000211210 irreġistrata fuq C B, likwidata nhar il-24 ta' Diċembru 2009, dovuti lilha minn għand C B;

k. Nofs is-somma rapprezentanti tal-bonds kollha tas-6.3% International Hotel Investments Plc Bonds 2013 bin-numru MT0000111220 irreġistrata fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009, dovuti lilha minn għand C B;

l. Nofs is-somma rapprezentanti tal-istock kollu tal-5.5% Malta Government Stock 2023 bin-numru MT0000011123 irreġistrata fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009, dovuti lilha minn għand C B;

m. Nofs is-somma rapprezentanti (€7,658.91) tas-6755 stock tal-5.9% Malta Government Stock 2015 (II) bin-numru MT0000011040 irreġistrati fuq A B, likwidata nhar it-18 ta' Novembru 2010, liema somma tinsab fil-pussess tal-attriċi stess;

n. Nofs is-somma rapprezentanti tal-istock wieħed li fadal attiv tal-5.9% Malta Government Stock 2015 (II) bin-numru MT0000011040 irreġistrat fuq A B, li erronjament ma ġiex illikwidat mal-istock l-ieħor nhar it-18 ta' Novembru 2010;

o. Nofs is-somma rapprezentanti (€1,828.87) tal-istock kollu tal-5.5% Malta Government Stock 2023 bin-numru MT0000011123

irreġistrati fuq A B, likwidata nhar it-18 ta’ Novembru 2010, liema somma tinsab fil-pussess tal-attriċi stess;

p. Nofs l-investiment fil-5.35% Bank of Valletta plc Subordinated Bonds 2019 bin-numru MT0000021262 irreġistrati fuq il-partijiet u l-interessi naxxenti minnu maħruġa wara d-9 ta’ Jannar 2010;

q. Nofs is-sehem ta’ dak kollu li jinsab fis-safe deposit locker enumerat 092 fi ħdan il-Bank of Valletta ġewwa n-Naxxar;

r. Nofs id-deheb tal-minuri, liema deheb għandu jinzamm f’post sikur bi qbil bejn il-partijiet u li għandu jiġi mgħoddi lil minuri mal-għeluq it-tmintax-il (18) sena;

s. Il-karozza tat-tip VW Golg bin-numru ta’ reġistrazzjoni DBR-512;

t. Is-somma ta’ €1,630.54 rapprezentanti sehmha mill-ħlas tal-Polza t’Assigurazzjoni f’isem C B mal-MSV Life kwantu għall-ħlasijiet li saru fiż-żwieġ sa mill-21 ta’ Diċembru 2002 sas-7 ta’ Jannar 2010 u ċjoe’ d-data meta Erica Carabott ġiet debitata r-responsabbilita’ tat-tkissir taz-zwieġ. Ġialadarba l-*premium* ta’ tali polza huwa dak ta’ €465.87 fis-sena u *stante* li l-partijiet iżżewġu f’Diċembru 2002, allura Erica Carabott għandha tingħata kwantu għal nofs il-valur tal-*premium* li tħallas fiż-żwieġ u ċioe’ nofs il-*premium* li tħallas minn Diċembru 2003 (għaliex ta’ Diċembru 2002 tħallset minn C B qabel ma zzewweġ) sa Diċembru 2009 (l-aħħar li tħallset qabel mal-attriċi telqet mid-dar matrimonjali) li jammonta għal €1,630.54;

u. Is-somma ta’ €1,676.50 bħala sehemha mis-somma ta’ €3,353 li kienet tifforma parti mill-ammont ta’ €15,000 li kienu ġew depozitati fil-kont bankarju ta’ A B mal-Bank of Valletta plc, bin-numru 40017888071 u miġbuda minn A B stess, liema somma tinsab fil-pussess tal-attriċi stess;[100]

v. Is-somma ta’ €9,459.50 rappprezentanti sehemha mill-ammont kumplessiv ta’ €18,919 li ġibed C B mill-kont bankarju tal-Bank of Valletta plc bin-numru 40010210921 nhar it-28 ta’ Novembru 2009

[100] Fol. 390 ,892.

u mmarkata bħala transazzjoni *'BP ISSUE 762688',* dovuta lilha minn għand C B;

w. Is-somma ta' €127.50 dovuti lilha minn għand C B, rapprezentanti tal-bejgħ tal-għamara tas-sodda;

x. Is-somma ta' €230.12 dovuti lilha minn għand C B, rapprezentanti tal-kontijiet li ħalset lil PBS u lil GO plc;

y. Is-somma ta' €1,200 dovuti lilha minn għand C B, rapprezentanti sehemha mic-*Children Allowance* pperċepiti għas-sena 2010, 2011 u 2012;

z. Is-somma ta' €3,619.58 dovuta lilha minn għand C B, rapprezentanti sehemha mill-ispejjez minfuqa minnha fuq il-kura, edukazzjoni u saħħa tat-tfal matul il-perjodu bejn l-2011 u l-2014;

aa. Id-dejn ta' €512.46 rapprezentanti pagamenti tal-*Home Loan Repayments* għal perjodu bejn Awwissu u Diċembru 2002, dovut lil C B;

bb. Id-dejn ta' €1,922.20 rapprezentanti sehem C B mic-*Children Allowance* pperċepiti minnha għas-snin bejn l-2013 u l-2017, dovut lil C B;

cc. Id-dejn ta' €1,625.50 rapprezentanti spejjez rigward l-kura, edukazzjoni u saħħa tat-tfal minfuqa minn C B għal perjodu bejn l-2011 u l-2016, dovut lil C B;

<u>Porzjoni Assenjat lil C B:</u>

a. Nofs l-ammont f'kull kont bankarju konġunt bejn il-partijiet;

b. Nofs l-ammont ta' kull kont bankarju f'isem wieħed mill-partijiet, ad eskluzjoni ta dawk relatati jew abbinati mal-minuri;

c. Nofs sehem indiviż mill-kontijiet intestati jew intiżi għall-minuri, liema kontijiet bankarji għandhom jsiru jsejħu liż-żewġ partijiet, fejn dawn tal-aħħar isiru *both signatories* għalihom b'dan li kull deċiżjoni

spettanti lill-istess kontijiet għandhom jittieħdu miż-żewġ partijiet b'mod ugwali;

d. Nofs sehem indiviz mill-*Vilhena Global Themed Fund*, bin-numru 142255 irreġistrat fuq il-partijiet għan-nom ta' D B jew nofs is-somma hekk likwidata, liema somma għandha tiġi investita għan-nom tal-minuri jew depozitata f'kont bankarju tal-istess minuri, bi qbil ma' omm il-minuri;

e. Nofs sehem indiviz mill-*Vilhena Multimanager Fund*, bin-numru 160698 irreġistrat fuq il-partijiet għan-nom ta' Angelle B jew nofs is-somma hekk likwidata, liema somma għandha tiġi investita għan-nom tal-minuri jew depozitata f'kont bankarju tal-istess minuri, bi qbil ma' omm il-minuri;

f. Nofs l-ammont depożitat il-Qorti wara l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju numru 183/2011;

g. Il-polza ta' assigurazzjoni mal-MSV Life bil-polza numru 40184 f'isem C B;[101]

h. Nofs is-sehem mill-investiment Bank of Valletta Plc Ordinary Shares, bin-numru MT0000020116 irreġistrati fuq C B u d-dividends naxxenti minnu maħruġa wara d-9 ta' Jannar 2010;

i. In-nofs tan-nofs tas-somma rapprezentanti tas-6.7% AX Investments Plc Bonds 2014-2016 bin-numru MT0000081217 irreġistrati fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009, liema somma tinsab fil-pussess tal-konvenut;

j. Nofs is-somma rapprezentanti tal-1150 ishma fil-GO Plc Ordinary Shares, bin-numru MT0000090101 irreġistrati fuq C B u kif ukoll nofs l-interessi ekwivalenti għall-imsemmija ishma li nħarġu wara d-9 ta' Jannar 2010;

[101] Fol. 1406.

k. Nofs is-somma rapprezentanti tat-341 *bond* tas-6.2% Mizzi Org Finance Plc Bds 2009-2012 bin-numru MT0000211210 irreġistrata fuq C B, likwidata nhar il-24 ta’ Diċembru 2009, liema somma tinsab fil-pussess tal-konvenut;

l. Nofs is-somma rapprezentanti tal-bonds kollha tas-6.3% International Hotel Investments Plc Bonds 2013 bin-numru MT0000111220 irreġistrata fuq C B, likwidata nhar id-9 ta’ Diċembru 2009, liema somma tinsab fil-pussess tal-konvenut;

m. Nofs is-somma rapprezentanti tal-i*stock* kollu tal-5.5% Malta Government Stock 2023 bin-numru MT0000011123 irreġistrata fuq C B, likwidata nhar id-9 ta’ Diċembru 2009, liema somma tinsab fil-pussess tal-konvenut;

n. Nofs is-somma rapprezentanti (€7,658.91) tas-6755 *stock* tal-5.9% Malta Government Stock 2015 (II) bin-numru MT0000011040 irreġistrati fuq A B, likwidata nhar it-18 ta’ Novembru 2010, liema somma hi dovuta lilu minn għand A B;

o. Nofs is-somma rapprezentanti tal-i*stock* wieħed li fadal attiv tal-5.9% Malta Government Stock 2015 (II) bin-numru MT0000011040 irreġistrat fuq A B, li erronjament ma ġiex illikwidat mal-istock l-ieħor nhar it-18 ta’ Novembru 2010;

p. Nofs is-somma rapprezentanti (€1,828.87) tal-i*stock* kollu tal-5.5% Malta Government Stock 2023 bin-numru MT0000011123 irreġistrati fuq A B, likwidata nhar it-18 ta’ Novembru 2010, liema somma hi dovuta lilu minn għand A B;

q. Nofs l-investiment fil-5.35% Bank of Valletta plc Subordinated Bonds 2019 bin-numru MT0000021262 irreġistrati fuq il-partijiet u l-interessi naxxenti minnu maħruġa wara d-9 ta’ Jannar 2010;

r. Nofs is-sehem ta’ dak kollu li jinsab fis-*safe deposit locker* enumerat 092 fi ħdan il-Bank of Valletta ġewwa n-Naxxar;

s. Nofs id-deheb tal-minuri, liema deheb għandu jinzamm f'post sikur bi qbil bejn il-partijiet u li għandu jiġi mgħoddi lil minuri mal-għeluq it-tmintax-il (18) sena;

t. Is-somma ta' €1,676.50 dovuta lilu minn A B, bħala sehemu mis-somma ta' €3,353 li kienet tifforma parti mill-ammont ta' €15,000 li kienu ġew depozitati fil-kont bankarju ta' A B mal-Bank of Valletta plc, bin-numru 40017888071 u miġbuda minn A B stess;

u. Is-somma ta' €5,000 dovuti lilu minn A B, rapprezentanti bħala sehemu mill-vettura VW Golf bir-reġistrazzjoni DBR-512;[102]

v. Is-somma ta' €512.46 rapprezentanti pagamenti tal-*Home Loan Repayments* għal perjodu bejn Awwissu u Diċembru 2002;

w. Is-somma ta' €9,459.50 rappprezentanti sehemu mill-ammont kumplessiv ta' €18,919 li ġibed C B mill-kont bankarju tal-Bank of Valletta plc bin-numru 40010210921 nhar it-28 ta' Novembru 2009 u mmarkata bħala transazzjoni *'BP ISSUE 762688'*, liema somma tinsab fil-pussess tal-konvenut;

x. Is-somma €1,922.20 dovuti lilu minn għand A B, rapprezentanti sehemu mic-*Children Allowance* pperċepiti minnha għas-snin bejn l-2013 u l-2017;

y. Is-somma ta' €1,625.50 dovuta lilu minn għand A B, rapprezentanti sehemu mill-ispejjez minfuqa minnu fuq il-kura, edukazzjoni u saħħa tat-tfal matul il-perjodu bejn l-2011 u l-2016;

z. Id-dejn ta' €3,619.58 rapprezentanti spejjez rigward l-kura, edukazzjoni u saħħa tat-tfal minfuqa minn A B għal perjodu bejn l-2011 u l-2014, dovut lil A B;

aa. Id-dejn ta' €127.50 dovuti lil A B, rapprezentanti tal-bejgħ tal-għamara tas-sodda;

[102] Fol. 1553.

bb. Id-dejn ta' €230.12 dovuti lil A B, rapprezentanti tal-kontijiet li ħalset lil PBS u lil GO plc;

cc. Id-dejn ta' €1,200 dovuti lil A B, rapprezentanti sehemha mic-*Children Allowance* pperċepiti għas-sena 2010, 2011 u 2012;

dd. Id-dejn ta' €127.50 lil A B, rapprezentanti tal-bejgħ tal-kamra tas-sodda;

ee. Id-dejn ta' €230.12 lil A B, rapprezentanti tal-kontijiet li ħallset lil PBS u lil GO plc;

**6. Il-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tinnota li l-attriċi biss għamlet talba speċifika sabiex tiġi assenjata lura l-beni parafernali tagħha u dan mingħajr ma elenkat liema huma dawn il-beni. Minkejja dan u għal kull bon fini, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex telenka dak li mill-atti proċesswali rrizulta li jiffurmaw parti mill-assi parafernali tal-partijiet b'mod individwali.

Il-Qorti tinnota li dawk l-assi parafernali tal-attriċi jikkonsistu f'somma ta' €11,647 mogħtija lilha bħala donazzjoni minn missierha. Kif diġa' kienet osservat din il-Qorti iktar 'il fuq, il-partijiet qablu li din is-somma verament għandha tifforma parti mill-assi parafernali ta' A B. Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara illi fir-rigward tal-assi parafernali, is-somma ta' €11,647 tappartjeni unikament lill-attriċi.

Magħdud ma' dan, il-Qorti tinnota ukoll li fl-affidavit ulterjuri tagħha, l-attriċi tirrileva illi fis-*safe* ġewwa l-Bank of Valleta plc tan-Naxxar, liema *safe* huwa ennumerat bin-numru 092, jikkontjeni oġġetti parafernali.[103] Madanakollu, fin-nuqqas ta' deskrizzjoni ta' x'inhuma dawn l-oġġetti u l-provenjenza tagħhom, il-Qorti ma tistgħax tgħaddi sabiex tiddikjara li fis-*safe* imsemmi hemm oġġetti parafernali tal-attriċi u konsegwentament tassenja l-istess lilha.

[103] Fol. 882-883.

Min-naħa l-oħra u dan mingħajr ebda kontestazzjoni da parti l-attriċi, mill-atti proċesswali jirrizulta ukoll li s-segwenti huma parti mill-assi parafernali tal-konvenut:

a. Is-somma rapprezentanti tal-4659 bond tas-6.2% Mizzi Org Finance Plc Bds 2009-2012 bin-numru MT0000211210 irreġistrati fuq C B, likwidata nhar il-24 ta' Diċembru 2009;

b. Is-somma rapprezentanti tat-8% Bank of Valletta Plc US$ Bonds 2010 bin-numru MT0000021254 irreġistrati fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009;

c. Is-somma rapprezentanti tas-6.1% Malta Government Stock 2015 (I) bin-numru MT0000010943 irreġistrati fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009;

d. 200 ishma mill-GO Plc Ordinary Shares bin-numru MT0000090101 irreġistrati fuq C B, liema ishma nxtraw mill-konvenut nhar is-7 ta' Diċembru 1999;

e. Nofs tas-somma rapprezentanti tas-6.7% AX Investments Plc Bonds 2014-2016 bin-numru MT0000081217 irreġistrati fuq C B, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009.

**7. Kunjom Xbubit l-Attriċi:**

Ir-rikorrenti titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi B u dana bi

ħtijiet ta' adulterju u inġurji gravi da parti l-attriċi, u ħtija ta' adulterju da parti l-konvenut.

2. Tiċħad it-tieni talba attriċi u kif ukoll it-tieni talba rikonvenzjonali, filwaqt li tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata b'mod konġunt bejn il-partijiet, b'dan illi dawk id-deċizjonijiet ordinarji ta' kuljum rigward il-minuri għandhom jittiehdu minn dik il-parti li magħha/miegħu jkun imisshom jirrisjedu l-minuri, filwaqt li dawk id-deċizjonijiet ta' natura importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri, għandhom jittiehdu mill-partijiet b'mod konġuntiv; tordna ukoll illi l-aċċess għaz-zewġ partijiet ma' uliedhom jibqa' kif ordnat mill-Qorti permezz tad-digriet tagħha nhar it-13 ta' Ġunju 2013 u ċjoe' li jiġu applikati r-rakkomandazzjonijiet kollha tas-*social worker,* senjatament mit-tieni paragrafu ta' paġna numru sebgħa (7) tar-rapport sal-aħħar paragrafu f'paġna numru tmienja (8) tar-rapport ta' Denise Portelli datat 6 ta' Ġunju 2013; b'dana illi l-Qorti tvarja biss l-ħinijiet relattivi għall-Jum l-Omm u Jum il-Missier fis-sens illi: (i) f'Jum l-Omm, il-minuri għandhom ikunu mal-omm mid-9.30 am sal-5.30pm, u dan anke jekk f'tali ġurnata l-minuri ikun imisshom joqgħodu ma' missierhom, u (ii) f'Jum il-Missier, il-minuri għandhom ikunu ma' missierhom mid-9.30am sal-5.30pm, u dan anke jekk f'tali ġurnata l-minuri ikun imisshom joqgħodu ma' ommhom.

3. Tiċħad it-tielet talba attriċi u t-tielet talba rikonvenzjonali, u dan in vista tal-fatt li l-minuri ser ikomplu jabitaw kemm ma' ommhom u kif ukoll ma' missierhom f'indirizzi differenti u kif ukoll li l-introjtu ta' kull wieħed mill-partijiet huwa wieħed sostanzjali; b'dana illi l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni, saħħa, attivitajiet extra-kurrikulari u kwistjonijiet ta' natura straordinarja, għandhom jibqgħu jiġu maqsuma u mħallsa bejniethom b'mod ugwali. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *Children Allowance*, għandu jkun perċepibbli miz-zewġ partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom għan-nom tal-minuri.

4. Tilqa' ir-raba' attriċi u dik rikonvenzjonali u tiddeċiedi li kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenut iddekadew mid-dritt għall-manteniment mingħand xulxin.

5. Tilqa' l-ħames talba attriċi u s-sitt talba rikonvenzjonali, u xxolji, tillikwida, tiddividi u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti lil partijiet skont il-provvedimenti tal-ħames parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*.

6. Tilqa' is-sitt talba attriċi, tillikwida u tassenja lill-attriċi s-somma ta' €11,647 bħala s-somma parafernali tagħha.

7. Tilqa' is-seba' talba attriċi u l-ħames talba rikonvenzjonali, u tapplika fil-konfront tagħhom is-sanzjonijiet tal-Artikoli 48 tal-Kodiċi Ċivili.

8. Tilqa' it-tmien talba attriċi u tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha u ċjoe' 'F', ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, għandhom ikunu sapportati żewġ terzi mill-attriċi u terz mill-konvenut.